MT 2015

Nru **13**

Rapport Speċjali

# L-appoġġ tal-UE lil pajjiżi li jipproduċu l-injam taħt il-Pjan ta' Azzjoni FLEGT

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

E-mail: eca-info@eca.europa.eu
Internet: http://eca.europa.eu

Twitter: @EUAuditorsECA
YouTube: EUAuditorsECA

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet.
Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (http://europa.eu).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2015

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Print | ISBN 978-92-872-2817-8 | ISSN 1831-0907 | doi:10.2865/08911 | QJ-AB-15-011-MT-C |
| PDF | ISBN 978-92-872-2777-5 | ISSN 1977-5741 | doi:10.2865/052883 | QJ-AB-15-011-MT-N |
| EPUB | ISBN 978-92-872-2796-6 | ISSN 1977-5741 | doi:10.2865/197072 | QJ-AB-15-011-MT-E |

© L-Unjoni Ewropea, 2015
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

*Printed in Luxembourg*

MT 2015

Nru 13

Rapport Speċjali

# L-appoġġ tal-UE lil pajjiżi li jipproduċu l-injam taħt il-Pjan ta' Azzjoni FLEGT

(skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE)

# Tim tal-awditjar



Ir-rapporti speċjali tal-QEA jagħtu r-riżultati tal-awditi tal-prestazzjoni u tal-konformità tagħha, ta' oqsma baġitarji jew suġġetti ta' ġestjoni speċifiċi. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar biex ikollhom impatt massimu billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi li jkunu għad iridu jseħħu u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni ġie prodott mill-Awla III tal-Awditjar — immexxija mill-Membru tal-QEA Karel Pinxten — li tispeċjalizza fl-oqsma ta' nfiq ta' azzjonijiet esterni. L-awditu tmexxa mill-Membru tal-QEA Karel Pinxten, b'appoġġ mill-kap tal-kabinett tiegħu, Gerard Madden u Mila Strahilova, attaché; Gérald Locatelli, kap tal-unità; Piotr Zych, kap tat-tim; Ruurd de Jong, awditur prinċipali; Laetitia Cadet u Peter Kovacs, awdituri.



Mix-xellug għal-lemin: G. Madden, R. de Jong, K. Pinxten, M. Strahilova, P. Zych, G. Locatelli.

# Werrej



Paragrafu

Glossarju u abbrevjazzjonijiet

I-VI Sommarju eżekuttiv

1-9 Introduzzjoni

1-3 Il-qtugħ illegali tas-siġar huwa problema globali

4-9 FLEGT huwa r-rispons tal-UE

10-12 Ambitu u approċċ tal-awditjar

13-56 Osservazzjonijiet

13-34 L-appoġġ taħt il-FLEGT lil pajjiżi li jipproduċu l-injam ma kienx imfassal u mmirat tajjeb biżżejjed

14-18 Il-Kummissjoni identifikat firxa wiesgħa ta' miżuri potenzjali

19-26 Il-Kummissjoni ma żviluppatx pjan ta' ħidma xieraq

27-34 Il-Kummissjoni ma pprijoritizzatx l-assistenza tagħha b'mod ċar

35-56 L-appoġġ tal-UE lil pajjiżi li jipproduċu l-injam ma kienx effettiv biżżejjed

36-43 Il-proġetti prinċipali eżaminati kienu problematiċi

44-52 Il-progress fit-triq lejn il-liċenzjar miexi bil-mod

53-56 Il-proċeduri ta' monitoraġġ u rappurtar ma kinux sodisfaċenti

## Werrej

57-59 **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

**Anness I — Implimentazzjoni tal-FLEGT, tmexxija tal-foresti u programmi relatati mal-kummerċ mill-2003-2013**

**Anness II — Lista ta' proġetti awditjati**

**Anness III — Lista ta' evalwazzjonijiet tal-proġetti u ta' MOR analizzati**

**Anness IV — Transparency International — Indiċi dwar il-Perċezzjoni tal-Korruzzjoni 2007-2013**

**Risposta tal-Kummissjoni**

# Glossarju u abbrevjazzjonijiet



**AKP**: Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku

**DCI**: Strument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp

**DĠ Ambjent**: Direttorat Ġenerali għall-Ambjent

**DĠ DEVCO**: Direttorat Ġenerali għall-Kooperazzjoni Internazzjonali u l-Iżvilupp
Id-DĠ DEVCO jimplimenta firxa wiesgħa tal-istrumenti ta' assistenza esterna tal-Kummissjoni ffinanzjati mill-FEŻ u mill-baġit ġenerali.

**DSP**: Dokument ta' Strateġija għall-Pajjiż

**EFI**: Istitut Ewropew għall-Foresti

**ENPI**: Strument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija

**EUTR**: Regolament tal-Unjoni Ewropea dwar l-Injam

**FAO**: Organizzazzjoni tal-Ikel u tal-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti

**FEŻ**: Fond Ewropew għall-Iżvilupp
Il-FEŻ huma l-istrument prinċipali li bih l-Unjoni Ewropea tipprovdi għajnuna għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp lill-Istati AKP u lill-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej (OCTs). Il-ftehim ta' sħubija ffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 għal perjodu ta' 20 sena ("il-Ftehim ta' Cotonou") huwa l-qafas attwali għar-relazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mal-Istati AKP u mal-OCTs. Il-fokus prinċipali tiegħu huwa fuq it-tnaqqis u eventwalment il-qirda tal-faqar.

**GIZ**: Deutsche Gesellschaft für Internationale Zusammenarbeit GmbH (Aġenzija Ġermaniża għall-Kooperazzjoni Internazzjonali)

# Glossarju u abbrevjazzjonijiet



**MOR**: Monitoraġġ orjentat lejn ir-riżultati
Is-sistema MOR ġiet stabbilita mid-DĠ DEVCO fis-sena 2000 biex issaħħaħ il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u t-trasparenza tal-għajnuna għall-iżvilupp. Hija bbażata fuq valutazzjonijiet fil-qosor u ffukati li jsiru fuq il-post minn esperti esterni.

**NGOs**: Organizzazzjonijiet nongovernattivi

**REDD+**: Tnaqqis ta' Emissjonijiet mid-Deforestazzjoni u d-Degradazzjoni tal-Foresti +
Il-Programm "Reducing Emissions from Deforestation and Forest Degradation" (Tnaqqis ta' Emissjonijiet mid-Deforestazzjoni u d-Degradazzjoni tal-Foresti) tan-Nazzjonijiet Uniti (jew "REDD") jassenja valur finanzjarju għall-karbonju maħżun fil-foresti, u joffri inċentivi għall-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp biex inaqqsu l-emissjonijiet mid-deforestazzjoni u biex jinvestu f'mogħdijiet lejn żvilupp sostenibbli b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju. "REDD+" imur lil hinn mid-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti, u jinkludi r-rwol ta' konservazzjoni, ġestjoni sostenibbli tal-foresti u titjib fil-ħażna ta' karbonju tal-foresti.

**SMEs**: Intrapriżi żgħar u medji

**SVLK**: Sistem Verifikasi Legalitas Kayu (Sistema Indoneżjana ta' Aċċertament tal-Legalità tal-Injam)

**UE-FLEGT**: Unjoni Ewropea — Infurzar tal-Liġi, Tmexxija u Kummerċ fis-Settur Forestali

**VPA**: Ftehim ta' Sħubija Volontarju

# Sommarju eżekuttiv




## I

Il-qtugħ illegali tas-siġar u l-kummerċ f'injam minn siġar maqtugħin illegalment huma problemi persistenti, minkejja l-isforzi internazzjonali li ilhom għaddejjin mill-aħħar tas-snin disgħin biex dawn jiġu miġġielda. Dawn jikkawżaw ħsara ambjentali u telf ta' bijodiversità, għandhom impatt negattiv fuq l-għajxien ta' nies li jiddependu mill-foresti, joħolqu distorsjoni fis-swieq, iżidu l-korruzzjoni, u jdgħajfu l-istat tad-dritt u t-tmexxija tajba.

## II

Fl-2003, il-Kummissjoni ħarġet proposta għal Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar Infurzar tal-Liġi, Tmexxija u Kummerċ fis-Settur Forestali (FLEGT) biex tittratta l-problema ta' qtugħ illegali tas-siġar u l-kummerċ relatat. L-inizjattiva FLEGT għandha l-għan li tnaqqas il-qtugħ illegali tas-siġar globalment billi tappoġġa t-tmexxija tal-foresti f'pajjiżi li jipproduċu l-injam u billi tnaqqas il-konsum, fl-UE, ta' injam li jkun inħasad illegalment. Il-bażi tal-Pjan ta' Azzjoni hija ftehim bilaterali bejn l-UE u pajjiż li jesporta l-injam — il-Ftehim ta' Sħubija Volontarju (VPA) tal-FLEGT — li jimpenja lil dan il-pajjiż biex jinnegozja biss prodotti tal-injam li jinħasad legalment. Skont dawn il-ftehimiet, il-pajjiżi li jesportaw jiżviluppaw sistemi biex jivverifikaw il-legalità tal-injam tagħhom u jitħallew jagħtu liċenzji tal-FLEGT meta l-kundizzjonijiet meħtieġa jiġu ssodisfati.

## III

Il-Qorti eżaminat jekk il-Kummissjoni mmaniġġjatx tajjeb l-appoġġ ipprovdut taħt il-Pjan ta' Azzjoni FLEGT tal-UE lil pajjiżi li jipproduċu l-injam biex jindirizzaw il-qtugħ illegali tas-siġar. Il-Qorti tikkonkludi li l-appoġġ ma kienx immaniġġjat tajjeb biżżejjed mill-Kummissjoni.

## IV

L-appoġġ taħt il-FLEGT ma kienx imfassal u mmirat tajjeb biżżejjed. Il-Kummissjoni kkonċepiet il-Pjan ta' Azzjoni FLEGT b'mod innovattiv u identifikat il-miżuri possibbli li kellhom jittieħdu. Madankollu, hija ma ħarġitx bi pjan ta' ħidma xieraq, b'objettivi u stadji importanti ċari, u b'baġit dedikat. Filwaqt li kien ikun diffiċli li dawn jitħejjew fil-bidu nett tal-inizjattiva, kellhom jiġu stabbiliti fis-snin bikrin tagħha. Meta ngħatat l-assistenza, dan ma sarx skont kriterji ċari, u l-impatt tal-għajnuna kien inqas minħabba fil-ħafna pajjiżi involuti. Ir-regolament li jipprojbixxi l-importazzjonijiet fl-UE ta' injam prodott illegalment (EUTR), li ssemma fil-Pjan ta' Azzjoni fl-2003 bħala wieħed mill-miżuri possibbli, għadu mhux implimentat bis-sħiħ.

## V

L-appoġġ tal-UE lil pajjiżi li jipproduċu l-injam ma kienx effettiv biżżejjed. Il-proġetti prinċipali eżaminati, li kienu intenzjonati li jżidu l-kapaċità tal-amministrazzjonijiet pubbliċi ma kellhomx suċċess. Filwaqt li ħafna mill-proġetti li saru żiedu s-sensibilizzazzjoni għall-kwistjoni tal-qtugħ illegali tas-siġar u rifdu l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, dawn kienu frekwentement miżgħuda bi problemi. Issa għaddew 12-il sena minn meta l-Pjan ta' Azzjoni ġie ppreżentat u, għalkemm l-interess fil-VPAs kien estensiv, għadha mhi qed topera ebda sistema ta' liċenzjar FLEGT, u dati suċċessivi pprogrammati għall-introduzzjoni tagħhom għaddew mingħajr dan ma sar. Il-monitoraġġ tal-progress ma kienx adegwat, b'mod partikolari minħabba n-nuqqas ta' qafas ta' responsabbiltà, u r-rappurtar dwar il-progress wkoll ma kienx sodisfaċenti.

## VI

Ir-rapport ikompli billi jagħmel għadd ta' rakkomandazzjonijiet għat-titjib tal-ġestjoni futura tal-inizjattiva.

# Introduzzjoni



## Il-qtugħ illegali tas-siġar huwa problema globali

**01**
Il-qtugħ illegali tas-siġar u l-kummerċ f'injam minn siġar maqtugħin illegalment huma problemi persistenti, minkejja l-isforzi internazzjonali li ilhom għaddejjin mill-aħħar tas-snin disgħin biex dawn jiġu miġġielda. Dawn jikkawżaw ħsara ambjentali u telf ta' bijodiversità, għandhom impatt negattiv fuq l-għajxien ta' nies li jiddependu mill-foresti, joħolqu distorsjoni fis-swieq, iżidu l-korruzzjoni, u jdgħajfu l-istat tad-dritt u t-tmexxija tajba. Huma jċaħħdu lil gvernijiet minn dħul minn riżorsi naturali, u b'hekk ifixklu l-iżvilupp sostenibbli f'xi wħud mill-aktar pajjiżi foqra tad-dinja.

**02**
Il-qtugħ illegali tas-siġar u l-kummerċ illegali jseħħu meta l-injam jinħasad, jiġi ttrasportat, jinxtara jew jinbiegħ bi ksur tal-liġijiet nazzjonali. Għaldaqstant, x'inhu "illegali" jiddependi fuq il-leġiżlazzjoni nazzjonali partikolari fis-seħħ.

**03**
Minħabba n-natura illeċita tal-attivitajiet inkwistjoni, huwa diffiċli li titkejjel l-iskala tal-qtugħ illegali tas-siġar. Il-valur ta' dan l-injam illegali ġie stmat li jlaħħaq sa USD 100 biljun kull sena[1], iżda, fil-fatt, l-istimi ta' din in-natura jvarjaw konsiderevolment. Madankollu, huwa aċċettat b'mod ġenerali li l-qtugħ illegali tas-siġar huwa problema endemika f'ħafna pajjiżi produtturi kbar, b'mod partikolari fejn il-korruzzjoni hija mxerrda ħafna u hemm aċċess faċli għas-suq.

## FLEGT huwa r-rispons tal-UE

**04**
B'rispons għat-tħassib globali[2] dwar l-impatt negattiv tal-qtugħ illegali tas-siġar u l-kummerċ tal-injam relatat, fl-2003 l-Kummissjoni ħarġet proposta għal Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar Infurzar tal-Liġi, Tmexxija u Kummerċ fis-Settur Forestali (FLEGT)[3]. Il-FLEGT għandu l-għan li jnaqqas il-qtugħ illegali tas-siġar globalment billi tappoġġa t-tmexxija tal-foresti f'pajjiżi li jipproduċu l-injam u billi jrażżan l-importazzjonijiet fl-UE ta' injam illegali. Huwa pakkett ta' miżuri mfassla biex jittrattaw il-kwistjoni tal-qtugħ u l-kummerċ illegali tas-siġar kemm mill-perspettiva tal-provvista kif ukoll minn dik tad-domanda (ara l-***Kaxxa 1***). Il-Kunsill laqa' l-Pjan ta' Azzjoni bħala l-ewwel pass lejn it-trattament tal-kwistjoni urġenti tal-qtugħ illegali tas-siġar u tal-kummerċ assoċjat b'mod kollaborattiv u kkoordinat mal-pajjiżi konsumaturi u produtturi, mas-settur privat u ma' partijiet interessati oħra[4]. Fl-2005, huwa adotta regolament li jistabbilixxi skema ta' liċenzjar FLEGT għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tal-injam minn pajjiżi li jidħlu fi Ftehim ta' Sħubija Volontarju mal-UE[5].

1 UNEP, Interpol, *Green Carbon, Black Trade: Illegal Logging, Tax Fraud and Laundering in the World's Tropical Forests. A Rapid Response Assessment* (Karbonju Ekoloġiku, Kummerċ Illeċitu: Qtugħ illegali tas-Siġar, Evażjoni tat-Taxxa u Ħasil tal-Flus fil-Foresti Tropikali tad-Dinja: Valutazzjoni tar-Rispons Rapidu), 2012.

2 L-azzjoni internazzjonali kontra l-qtugħ illegali tas-siġar ingħatat spinta bil-Programm ta' Azzjoni tal-G8 dwar il-Foresti, li tnieda f'Mejju 1998. Id-diskussjonijiet tal-G8 qanqlu sensiela ta' konferenzi dwar l-Infurzar u Governanza tal-Liġi tal-Foresti (FLEG), ikkoordinati mill-Bank Dinji, fil-Lvant tal-Asja (Bali, 2001), fl-Afrika (Yaoundé, 2003) u fl-Ewropa (San Pietruburgu, 2005). Dawn laqqgħu flimkien gvernijiet, rappreżentanti tal-industrija, NGOs u riċerkaturi, bl-għan li jiġu stabbiliti oqfsa ta' kooperazzjoni bejn il-pajjiżi produtturi u dawk konsumaturi.

3 COM(2003) 251 final tal-21 ta' Mejju 2013 Infurzar tal-Liġi, Tmexxija u Kummerċ fis-Settur Forestali (FLEGT) – Proposta għal Pjan ta' Azzjoni tal-UE.

4 Il-konklużjonijiet tal-Kunsill 2003/C 268/01 (ĠU C 268, 7.11.2003, p. 1).

5 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2173/2005 dwar l-istabbiliment ta' skema ta' liċenzjar FLEGT għall-importazzjoni ta' injam fil-Komunità Ewropea (ĠU L 347, 30.12.2005, p. 1).

Kaxxa 1

## Il-kompożizzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni FLEGT tal-UE

Il-miżuri li ġejjin fil-Pjan ta' Azzjoni FLEGT għandhom l-għan li jżidu d-domanda tal-konsumaturi għal injam iv-verifikat bħala li huwa prodott legalment: (a) it-tħeġġiġ tas-settur privat fl-UE biex jadotta politiki tax-xiri biex jiżgura li injam legali biss jidħol fil-katini ta' provvista tagħhom [...]; (b) it-tħeġġiġ ta' pajjiżi fl-UE biex jadottaw politiki tal-akkwist pubbliku li jirrikjedu li l-injam kollu fornut jiġi vverifikat bħala legali [...]; (c) il-prevenzjoni tad-dħul ta' injam illegali fis-suq tal-UE permezz tal-infurzar tar-Regolament tal-UE dwar l-Injam [...]; (d) il-ħolqien ta' miżuri biex jiġi evitat investiment f'attivitajiet li jħeġġu l-qtugħ illegali tas-siġar.

Il-Pjan ta' Azzjoni fih il-miżuri li ġejjin imfassla biex jappoġġaw lil pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp fil-bini ta' kapaċità għall-provvista ta' injam prodott legalment: (a) il-provvediment ta' appoġġ tekniku u finanzjarju mill-UE għal tmexxija u bini ta' kapaċità aħjar ta' atturi governattivi u mhux governattivi; (b) l-appoġġ ta' sforzi minn pajjiżi li jipproduċu l-injam biex jiġġieldu kontra l-qtugħ illegali tas-siġar billi jipprevienu li injam illegali jidħol fis-suq tal-UE permezz ta' ftehimiet kummerċjali bilaterali msejħa Ftehimiet ta' Sħubija Volontarji.

*Sors:* http://www.euflegt.efi.int/documents/10180/118682/Introduction%20to%20FLEGT

**05**
Il-bażi tal-Pjan ta' Azzjoni hija ftehim bilaterali bejn l-UE u pajjiż li jesporta l-injam — il-Ftehim ta' Sħubija Volontarju (VPA) tal-FLEGT — li jimpenja liż-żewġ partijiet biex jinnegozjaw biss prodotti tal-injam li jinħasad legalment. Skont dawn il-ftehimiet, pajjiżi li jesportaw jiżviluppaw sistemi għall-verifikazzjoni tal-legalità tal-injam tagħhom. Meta l-Kummissjoni tkun sodisfatta li r-rekwiżiti ġew issodisfati, il-pajjiżi jikkwalifikaw għal-liċenzjar FLEGT. Eżempju tal-proċeduri meħtieġa biex jinkisbu l-liċenzji u l-permessi sussegwenti għall-esportazzjoni jingħata fil-Pjan ta' Azzjoni (ara l-***Kaxxa 2***). Fil-prattika, il-biċċa l-kbira mill-pajjiżi sħab iddeċidew li japplikaw l-iskemi ta' liċenzjar futuri tagħhom mhux biss għall-injam esportat lejn l-UE iżda wkoll għall-injam esportat lejn swieq oħra u għall-konsum intern.

Kaxxa 2

### Eżempju tal-proċeduri meħtieġa għaċ-ċertifikazzjoni tal-legalità tal-injam u previsti taħt VPA

***Pass 1***: Il-Pajjiż Sieħeb tal-FLEGT jinnomina korp ta' akkreditament, li għandu s-setgħa li jaħtar korpi biex jiċċertifikaw il-legalità tal-prodotti tal-injam.

***Pass 2***: Il-Pajjiż Sieħeb tal-FLEGT jinnomina monitur indipendenti u jistipula mekkaniżmu trasparenti għas-soluzzjoni ta' tilwim.

***Pass 3***: Il-Kummissjoni Ewropea tikkonferma li s-sistema proposta tikkostitwixxi sistema kredibbli biex jiġi vverifikat li l-injam ikun inħasad legalment.

***Pass 4***: Jinħarġu ċertifikati għal injam li jinħasad legalment, li jippermettu li l-awtoritajiet doganali japprovaw vjeġġi legali għall-esportazzjoni.[...]

***Pass 5***: Il-permess għall-esportazzjoni li jindika ħsad legali jiġi prodott fil-port Komunitarju fejn l-injam jiġi ddikjarat għaċ-ċirkulazzjoni libera fl-UE, u jiġi ċċekkjat mill-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru u billi jitqabbel mad-deskrizzjoni tal-konsenja pprovduta taħt notifika ta' qabel il-vjeġġ.[...]

***Pass 6***: Id-dwana taċċetta biss dikjarazzjonijiet għar-rilaxx għal ċirkulazzjoni libera fl-UE meta l-injam ikun akkumpanjat mill-permess għall-esportazzjoni meħtieġ.

*Sors:* COM(2003) 251 final, p. 13.

**06**

Il-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri tal-UE, tappoġġa lil pajjiżi sħab finanzjarjament u teknikament biex itejbu t-tmexxija tal-foresti u biex jistabbilixxu jew itejbu sistemi li jivverifikaw il-konformità mar-rekwiżiti legali tagħhom. Il-komponent tal-FLEGT "Appoġġ lil pajjiżi li jipproduċu l-injam" jikkonsisti:

(a) fl-appoġġ ta' proċessi ta' riforma tal-politika, il-ħolqien ta' liġijiet effettivi u s-simplifikazzjoni ta' proċeduri filwaqt li komunitajiet li jiddependu mill-foresti jiġu protetti u integrati fi skemi ta' protezzjoni tal-foresti;

(b) fl-assistenza għall-iżvilupp ta' sistemi affidabbli ta' monitoraġġ u traċċar, li jiddistingwu bejn produzzjoni legali u dik illegali u li jittraċċaw l-injam mill-punt ta' ħsad, tul l-imtieħen tal-ipproċessar u l-portijiet sas-swieq finali, u jinkoraġġixxu aktar transparenza ta' informazzjoni fi ħdan is-settur tal-foresti;

(c) fl-appoġġ ta' riformi wiesgħa fit-tmexxija permezz ta' bini ta' kapaċità, b'mod partikolari fis-setturi tal-ġudikatura, tal-pulizija jew f'dawk militari, għal trattament aħjar tal-korruzzjoni, għall-ġbir ta' evidenza ta' reati ambjentali u għall-bini ta' każijiet legali.

07
Għal dan il-għan, l-UE tipprovdi finanzjament permezz tal-FEŻ u tal-baġit ġenerali. B'kollox, ġie stmat li madwar EUR 300 miljun ġew allokati lil 35 pajjiż għal appoġġ relatat mal-FLEGT matul il-perjodu 2003-2013[6] (ara l-***Anness I***).

08
Fil-Kummissjoni, attivitajiet relatati mal-Pjan ta' Azzjoni FLEGT jitmexxew mid-DĠ Kooperazzjoni Internazzjonali u Żvilupp (id-DĠ DEVCO) u d-Direttorat Ġenerali għall-Ambjent (id-DĠ Ambjent). Id-DĠ DEVCO huwa responsabbli għall-immaniġġjar ta' finanzjament relatat mal-FLEGT lil pajjiżi produtturi terzi. Huwa jimplimenta programmi ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp u jinnegozja l-VPAs ma' pajjiżi AKP kif ukoll mal-Guyana u mal-Honduras. Id-DĠ Ambjent jinnegozja l-VPAs ma' pajjiżi Asjatiċi, huwa responsabbli għall-EUTR, għal djalogu politiku dwar kwistjonijiet ambjentali kemm ma' pajjiżi li jipproduċu l-injam kif ukoll ma' pajjiżi konsumaturi (bħaċ-Ċina, il-Brażil, ir-Russja, l-Istati Uniti u l-Ġappun) u għal djalogu multilaterali. Iż-żewġ DĠ jikkondividu r-responsabbiltajiet għall-pajjiżi tal-Amerika Latina.

09
Il-Kummissjoni fdat l-Istitut Ewropew għall-Foresti (EFI) u l-Organizzazzjoni tal-Ikel u tal-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO) b'xi attivitajiet speċifiċi li jappoġġaw l-isforzi ta' pajjiżi sħab taħt il-Pjan ta' Azzjoni FLEGT. L-EFI jospita u jimmaniġġja l-Faċilità FLEGT tal-UE, li hija fond fiduċjarju multidonatur stabbilit fl-2007. Huwa jipprovdi appoġġ lill-pajjiżi (prinċipalment permezz ta' assistenza teknika lil gvernijiet u lil partijiet interessati oħra), iwettaq studji u jxerred informazzjoni dwar il-FLEGT. Il-FAO timplimenta l-Programm ta' Appoġġ AKP FLEGT, li l-għan prinċipali tiegħu inizjalment kien li jippromwovi l-proċess FLEGT fil-pajjiżi AKP.

6 Bl-esklużjoni ta' allokazzjonijiet ta' appoġġ baġitarju settorjali. L-allokazzjonijiet ta' appoġġ baġitarju jkopru kwistjonijiet relatati mal-politika dwar il-foresti, iżda mhumiex neċessarjament speċifiċi għall-FLEGT. Ma hemm ebda metodu rikonoxxut biex l-assistenza tiġi attribwita għal oqsma speċifiċi.

# Ambitu u approċċ tal-awditjar



**10**

Il-Qorti eżaminat jekk il-Kummissjoni mmaniġġjatx tajjeb l-appoġġ ipprovdut taħt il-Pjan ta' Azzjoni FLEGT tal-UE lil pajjiżi li jipproduċu l-injam biex jindirizzaw il-qtugħ illegali tas-siġar. L-awditu ffoka fuq żewġ mistoqsijiet prinċipali:

(a) L-appoġġ taħt il-FLEGT kien imfassal u mmirat tajjeb?

(b) L-appoġġ taħt il-FLEGT kien effettiv?

**11**

L-awditu kopra l-appoġġ tal-Kummissjoni, ipprovdut lil pajjiżi li jipproduċu l-injam, mill-FEŻ u mill-baġit ġenerali matul il-perjodu sħiħ tal-applikazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni FLEGT tal-UE, jiġifieri mill-2003 sal-2014.

**12**

L-awditu twettaq fil-perjodu minn Awwissu sa Diċembru 2014 u kien jinkludi:

(a) analiżi tad-dokumenti ta' strateġija relatati mal-FLEGT u tar-rapporti rilevanti dwar it-tendenzi tal-kummerċ tal-injam u dwar il-qtugħ illegali tas-siġar;

(b) eżaminar tal-allokazzjoni ta' finanzjament għal objettivi, pajjiżi u proġetti;

(c) intervisti ma' uffiċjali tal-Kummissjoni fid-DĠ DEVCO u fid-DĠ Ambjent, u mal-EFI, u rappreżentanti tal-Istati Membri, organizzazzjonijiet internazzjonali u NGOs Ewropej attivi fil-qasam tal-ambjent u l-protezzjoni tal-foresti;

(d) żjarat lil żewġ pajjiżi benefiċjarji li huma firmatarji ta' VPA (l-Indoneżja u l-Kamerun), li kienu jinvolvu analiżi tal-progress fil-proċess tal-VPA u analiżi approfondita ta' kampjun ta' 10 proġetti (ara ***l-Anness II***);

(e) analiżi tas-sejbiet mis-sistema ta' monitoraġġ orjentat lejn ir-riżultati (MOR) u evalwazzjonijiet tal-programmi għal kampjun ta' 35 proġett (ara ***l-Anness III***).

## L-appoġġ taħt il-FLEGT lil pajjiżi li jipproduċu l-injam ma kienx imfassal u mmirat tajjeb biżżejjed

**13**
Il-Qorti eżaminat:

(a) jekk l-appoġġ tal-UE kienx ibbażat fuq valutazzjoni soda tal-ħtiġijiet u jekk il-Kummissjoni identifikatx b'mod korrett il-miżuri potenzjali li għandhom jittieħdu;

(b) jekk l-appoġġ tal-UE kienx ippjanat b'mod xieraq; u

(c) jekk il-prijoritajiet għal finanzjament kinux issettjati b'mod xieraq.

### Il-Kummissjoni identifikat firxa wiesgħa ta' miżuri potenzjali

**14**
Il-Pjan ta' Azzjoni FLEGT jittratta l-problema persistenti ta' qtugħ illegali tas-siġar u ta' kummerċ illegali b'mod innovattiv. Huwa jikkombina inċentivi għall-kummerċ fil-forma ta' aċċess aktar faċli għall-prodotturi ta' pajjiżi sħab għas-suq tal-injam tal-UE, mal-għajnuna għall-iżvilupp, kemm għall-gvernijiet kif ukoll għas-soċjetà ċivili. Il-pajjiżi sħab huma obbligati jiżguraw leġiżlazzjoni koerenti fis-settur tal-forestrija, jimplimentaw skemi ta' traċċar u ta' liċenzjar u jistabbilixxu sistemi ta' kontroll f'livelli differenti. Barra minn hekk, il-Pjan ta' Azzjoni FLEGT ippreveda l-iżvilupp ta' bosta miżuri fin-naħa tad-domanda mmirati li jirrinforzaw l-impatt tal-azzjonijiet li ttieħdu f'pajjiżi produtturi. Ġie previst ukoll djalogu ta' politika fil-livell internazzjonali biex jippromwovi l-objettivi prinċipali tal-FLEGT.

**15**
Il-valutazzjoni tal-impatt tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE[7] analizzat l-impatt potenzjali tal-implimentazzjoni ta' skema ta' liċenzjar tal-injam permezz ta' sħubijiet ma' pajjiżi li jipproduċu l-injam[8]. L-istudju kien fih analiżi tal-motivaturi ewlenin tal-qtugħ illegali tas-siġar. Huwa eżamina l-impatti ekonomiċi, ambjentali u soċjali ġenerali, u l-implikazzjonijiet legali u istituzzjonali tas-soluzzjonijiet proposti kemm fl-UE u kif ukoll f'pajjiżi sħab potenzjali. Huwa analizza wkoll ir-riskji li jistgħu jdgħajfu l-effettività ta' miżuri potenzjali[9].

**16**
Il-valutazzjoni tal-impatt eżaminat tliet alternattivi prinċipali għat-trattament tal-problema ta' qtugħ illegali tas-siġar. L-alternattiva bilaterali, tal-konklużjoni ta' VPAs ma' pajjiżi individwali, tqieset li toffri l-aħjar mezz għal azzjoni veloċi u flessibbli. Skema multilaterali, li tinkludi ftehim internazzjonali potenzjali — teoretikament l-aktar waħda effettiva — tqieset bħala mhux realistika. It-tielet alternattiva, projbizzjoni unilaterali fuq it-tqegħid ta' injam illegali fuq is-suq tal-UE, ġiet ikkunsidrata mill-Kummissjoni bħala inqas aċċettabbli minn VPAs ibbażati fuq sħubijiet ma' pajjiżi li jipproduċu l-injam. Il-Kummissjoni ddeċidiet li tanalizza aktar din l-alternattiva fi stadju aktar tard.

7 Valutazzjoni tal-Impatt tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar Infurzar tal-Liġi, Tmexxija u Kummerċ fis-Settur Forestali (FLEGT); il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Iżvilupp (2004).

8 SEC(2004) 977 tal-20 ta' Lulju 2004, Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' skema volontarja ta' liċenzjar FLEGT għall-importazzjonijiet tal-injam fil-Komunità Ewropea.

9 L-istudju indika riskji marbuta mad-diverżjoni possibbli ta' injam illegali lejn swieq oħra "inqas stringenti", bħaċ-Ċina jew il-Ġappun, u għaraf l-effettività potenzjali limitata tal-Pjan ta' Azzjoni, b'mod partikolari f'pajjiżi fejn l-esportazzjonijiet tal-injam lejn l-UE kienu baxxi.

17
Il-Kummissjoni ddeċidiet li timplimenta l-ewwel alternattiva, dik bilaterali. Il-Kummissjoni rrikonoxxiet l-isfidi tal-approċċ, b'mod partikolari f'pajjiżi b'kapaċità ta' tmexxija limitata, fejn l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni kienet teħtieġ li tiġi akkumpanjata minn bini ta' kapaċità u tisħiħ istituzzjonali sostanzjali[10].

18
Il-Kummissjoni identifikat b'mod korrett l-elementi prinċipali li jistgħu jirrikjedu appoġġ minn donaturi għall-implimentazzjoni effettiva ta' VPA, inklużi riforma tal-politika dwar il-foresti u dik ambjentali, l-iżvilupp ta' sistemi ta' monitoraġġ, traċċar u liċenzjar, u l-bini ta' kapaċità f'diversi setturi (ara l-paragrafu 6).

## Il-Kummissjoni ma żviluppatx pjan ta' ħidma xieraq

19
Il-Pjan ta' Azzjoni FLEGT tal-UE għandu nuqqas ta' xi elementi ewlenin ta' pjan ta' azzjoni xieraq[11]. Huwa ma għandux objettivi operazzjonali speċifiċi b'indikaturi korrispondenti, skeda ta' żmien bi stadji importanti konkreti u qafas ta' monitoraġġ espliċitu. Għaldaqstant, huwa diffiċli ħafna li jitkejlu l-progress tiegħu u l-ksib ta' riżultati. Kif ġie ddikjarat fir-Rapport ta' Progress 2003-2010 dwar il-Pjan ta' Azzjoni FLEGT, imħejji mill-EFI: il-Pjan ta' Azzjoni huwa aktar minn dikjarazzjoni ta' politika iżda, fin-nuqqas ta' stadji importanti u ta' miri, mhuwiex eżattament strateġija[12].

20
Fiż-żmien tat-tnedija, il-Pjan ta' Azzjoni kien meqjus bħala l-bidu ta' proċess fuq terminu twil. Madankollu, kien meħtieġ li l-miżuri u l-objettivi speċifiċi ppjanati kif ukoll il-pjan direzzjonali li kellu jiġi segwit, jiġu żviluppati fis-snin bikrin. Tnax-il sena aktar tard, il-FLEGT għad ma għandux sett ta' miri x'jinkisbu ddikjarati b'mod ċar, bi strumenti ta' finanzjament definiti tajjeb fuq medda ta' żmien speċifikata.

21
Il-Pjan ta' Azzjoni ma għandux baġit iddedikat u definit b'mod ċar. L-attivitajiet tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp jiġu ffinanzjati minn diversi sorsi, jiġifieri l-baġit ġenerali tal-UE u l-FEŻ, permezz ta' diversi strumenti bħall-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI)[13], inklużi kemm programmi ġeografiċi bilaterali u reġjonali kif ukoll programmi tematiċi, u l-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ENPI)[14].

22
Ħarsa ġenerali kompleta tal-proġetti relatati mal-FLEGT ma kinitx faċilment disponibbli mingħand il-Kummissjoni. Id-database ta' proġetti tal-forestrija stabbilit mill-Kummissjoni għal skopijiet tal-awditjar ma tax stampa koerenti u kompleta tal-proġetti kollha relatati mal-FLEGT. Sussegwentement, instab matul l-awditu li dan kien inkomplet, b'xi proġetti kklassifikati b'mod skorrett bħala relatati mal-FLEGT, filwaqt li proġetti oħra relatati mal-FLEGT ma kinux ġew inklużi[15]. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri ma stipulawx definizzjoni ċara ta' "proġett relatat mal-FLEGT" u ta' kif jittieħed kont tal-fondi relatati.

10 SEC(2004) 977 tal-20 ta' Lulju 2004.

11 Pjan ta' azzjoni huwa sekwenza ta' passi li jridu jittieħdu, jew attivitajiet li jridu jitwettqu, biex strateġija tirnexxi. Pjan ta' azzjoni għandu tliet elementi prinċipali: (1) kompiti speċifiċi; (2) medda ta' żmien; u (3) allokazzjoni ta' fondi għal attivitajiet speċifiċi (http://www.businessdictionary.com/definition/action-plan.html)

12 Ir-Rapport ta' Progress dwar il-Pjan ta' Azzjoni FLEGT; EFI (2011); p. 34. Ara: http://www.euflegt.efi.int/documents/10180/23029/FLEGT+Action+Plan+Progress+Report+2003-2010/

13 Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41). Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

14 Ir-Regolament (KE) Nru 1638/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għat-twaqqif ta' Strument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ĠU L 310, 9.11.2006, p. 1).

15 Il-kompletezza tar-rappurtar dwar attivitajiet relatati mal-FLEGT kienet sfida wkoll matul eżerċizzji ta' evalwazzjoni aktar bikrin tal-Pjan ta' Azzjoni FLEGT. Ir-Rapport ta' Progress 2003-2010 dwar il-FLEGT, li tħejja mill-EFI, jiddikjara li l-azzjonijiet u l-ammonti rrappurtati hawnhekk għandhom jittieħdu bħala indikazzjoni approssimattiva tal-impriżi u l-finanzjament disponibbli, aktar milli kont komprensiv u kumparabbli għal kollox.

## 23

Is-suċċess fit-trattament tal-problemi ta' qtugħ illegali tas-siġar u tal-kummerċ tal-injam illegali kien jiddependi fuq kombinament ta' fatturi, jiġifieri impenn mill-pajjiżi sħab, stabbiliment tal-arranġementi meħtieġa għat-tmexxija, u impenn ċar u evidenzjat mill-UE u minn produtturi u importaturi kbar oħra biex jaġixxu flimkien għal skop komuni. Kien essenzjali wkoll li l-attivitajiet meħtieġa biex jiġi żgurat progress reali jseħħu b'mod parallel. L-implimentazzjoni tal-objettivi tal-FLEGT tiddependi ħafna wkoll fuq pajjiżi kbar li jipproduċu, jipproċessew u/jew huma involuti fil-kummerċ, bħaċ-Ċina, ir-Russja, l-Indja, il-Korea u l-Ġappun, u l-impenn tagħhom biex jiġġieldu kontra l-qtugħ illegali tas-siġar u l-kummerċ fi prodotti illegali tal-injam. Dawn il-pajjiżi ma pparteċipawx fl-iskema ta' liċenzjar FLEGT u l-Kummissjoni, matul is-snin, bdiet djalogu ta' politika magħhom fuq bażi bilaterali. Sa issa, dawn id-diskussjonijiet ipproduċew riżultati varji iżda ġeneralment limitati.

## 24

Kien biss fl-2007 — erba' snin wara l-preżentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni — li studju vvaluta l-impatt ta' miżuri potenzjali fuq in-naħa tad-domanda[16] għall-prevenzjoni tal-importazzjoni jew it-tqegħid ta' injam illegali fis-suq tal-UE. L-istudju rriżulta fi proposta għal regolament li jistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi li jqiegħdu l-injam fis-suq tal-UE[17].

## 25

Ir-Regolament tal-UE dwar l-Injam (EUTR)[18] ġie adottat finalment fl-2010 u beda jopera fl-2013. Li kieku r-Regolament ġie adottat qabel, dan kien iwassal messaġġ ċar, fl-istadji inizjali tal-Pjan ta' Azzjoni, li l-UE kienet qed tieħu r-riedni fil-ġlieda kontra l-esportazzjonijiet tal-injam illegali. Dan kien ukoll jaġixxi bħala inċentiv addizzjonali għal pajjiżi li jixtiequ jipparteċipaw fil-proċess tal-VPA. Aktar minn 10 snin wara li nbeda l-Pjan ta' Azzjoni, ir-Regolament tal-UE dwar l-Injam għadu mhux implimentat bis-sħiħ f'ċerti Stati Membri[19]. Dan iwassal messaġġ negattiv lil pajjiżi li qed jaħdmu biex jiżguraw li l-esportazzjonijiet tagħhom tal-injam huma legali[20].

## 26

Matul is-snin u b'mod partikolari bid-dħul fl-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni bħall-emenda għall-Att Lacey fl-Istati Uniti, l-Att Awstraljan ta' Projbizzjoni ta' Qtugħ Illegali tas-Siġar u l-EUTR, ċerti skemi privati ta' ċertifikazzjoni rrevedew aktar u aktar l-istandards tagħhom biex jindirizzaw aħjar ir-rekwiżiti ta' legalità. Skemi bħal dawn jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-issodisfar tar-rekwiżiti tal-EUTR fir-rigward ta' diliġenza dovuta[21]. Madankollu, tliet VPAs biss (il-Kamerun, ir-Repubblika tal-Kongo u r-Repubblika Ċentru-Afrikana) jipprevedu r-rikonoxximent ta' skemi privati bħala parti mill-proċess ta' liċenzjar FLEGT, bl-appoġġ taħt il-FLEGT ipprovdut għal dan l-iskop. Fid-dawl tad-diffikultajiet iffaċċjati mill-bidu tal-Pjan ta' Azzjoni FLEGT fl-istabbiliment ta' skemi ta' liċenzjar operati mill-Istat f'pajjiżi li jiffaċċjaw limitazzjonijiet għall-kapaċità bħal dawn, il-Kummissjoni ma ppromwovietx biżżejjed is-sinerġiji bejn il-FLEGT u l-iskemi privati ta' ċertifikazzjoni.

16 Dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni – Dokument ta' akkumpanjament għall-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jiddetermina l-obbligi tal-operaturi li jagħmlu l-injam u prodotti tal-injam disponibbli fis-Suq: Valutazzjoni tal-impatt – Rapport dwar alternattivi addizzjonali biex jiġi miġġieled il-qtugħ illegali tas-siġar.

17 Mingħajr dispożizzjonijiet bħal dawn, produtturi fil-pajjiżi b'VPA jkunu żvantaġġati meta mqabbla ma' dawk f'pajjiżi mingħajr VPA. Ir-rekwiżiti legali u l-ispejjeż assoċjati għal produtturi f'pajjiżi b'VPA huma ġeneralment ogħla minn dawk ta' produtturi f'pajjiżi li ma ffirmawx VPA.

18 Ir-Regolament (UE) Nru 955/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 li jistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi li jqiegħdu fis-suq injam u prodotti tal-injam (ĠU L 295, 12.11.2010, p. 23). Dan imur kontra l-kummerċ f'injam li jkun inħasad illegalment u fil-prodotti tiegħu permezz ta' tliet inizjattivi ewlenin: (1) huwa jipprojbixxi t-tqegħid fis-suq tal-UE ta' injam li jinħasad illegalment u ta' prodotti tal-injam li ġejjin minn tali injam; (2) huwa jeħtieġ li l-kummerċjanti tal-UE li jqiegħdu fis-suq tal-UE prodotti tal-injam jeżerċitaw diliġenza dovuta; u (3) huwa jobbliga lil dawn il-kummerċjanti biex iżommu reġistri tal-fornituri u tal-klijenti tagħhom.

19 Erba' Stati Membri (il-Greċja, Spanja, l-Ungerija u r-Rumanija) ma ssodisfawx l-obbligi tagħhom fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-Regolament tal-UE dwar l-Injam. http://ec.europa.eu/environment/forests/pdf/EUTR%20implementation%20scoreboard.pdf

20 L-Artikolu 20(2), tal-EUTR jipprovdi li fl-2015 il-Kummissjoni se tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tiegħu.

21 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 607/2012 tas-6 ta' Lulju 2012 dwar regoli dettaljati li jikkonċernaw

## Il-Kummissjoni ma pprijoritizzatx l-assistenza tagħha b'mod ċar

**27**

Wara l-adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni, l-Istati Membri u l-Kummissjoni fasslu lista ta' pajjiżi ta' prijorità li kellhom jiġu avviċinati għal konsultazzjonijiet informali dwar l-interess possibbli tagħhom fl-iskema FLEGT[22]. Il-lista kienet tinkludi l-Kamerun, il-Gabon, ir-Repubblika tal-Kongo, il-Ghana, ir-Russja, il-Brażil, Papua New Guinea, l-Indoneżja u l-Malasja. Fl-istess waqt l-Istati Membri u l-Kummissjoni ftiehmu li l-UE għandha tibqa' miftuħa għal negozjati kummerċjali mal-pajjiżi kollha li jesprimu interess.

**28**

Prattikament il-pajjiżi kollha li wrew interess fil-Pjan ta' Azzjoni FLEGT irnexxielhom ikunu involuti fil-proċess[23], inkluż għadd ta' pajjiżi mill-Asja u mill-Amerika Latina li għalihom il-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni kienet wriet li, minħabba l-volumi baxxi tagħhom ta' kummerċ mal-UE, l-impatt potenzjali ta' VPA kien ikun limitat.

**29**

Il-Kummissjoni ma allokatx ir-riżorzi tagħha, kemm dawk umani kif ukoll dawk finanzjarji, skont sett ta' kriterji li kellhom probabbiltà li jagħtu l-aħjar riżultati. Kriterji bħall-estent tal-qtugħ illegali tas-siġar, l-importanza tal-kummerċ mal-UE, l-impenn u l-potenzjal tal-pajjiżi inkwistjoni u l-ħtiġijiet tagħhom għall-iżvilupp ma tqisux flimkien għall-prijoritizzazzjoni tal-użu tar-riżorsi.

**30**

B'riżultat ta' dan, l-appoġġ finanzjarju u tekniku limitat infirex fuq għadd kbira ta' pajjiżi[24], li xi wħud minnhom ma kinux dawk ewlenin għat-trattament tal-qtugħ illegali tas-siġar jew kienu dawk l-inqas probabbli li jiżviluppaw il-livell ta' tmexxija meħtieġa biex jaslu għal sistema ta' liċenzjar fit-terminu qasir sa dak medju (ara l-***Kaxxa 3***). Dan naqqas l-appoġġ u l-impatt li seta' jinkiseb.

**31**

Il-Kummissjoni flimkien mal-gvernijiet tal-pajjiżi sħab identifikat ir-rekwiżiti prinċipali ta' skemi ta' liċenzjar li jiffunzjonaw fil-pajjiżi kkonċernati, fit-tħejjija għal u matul il-proċess tan-negozjati għall-VPAs. Il-valutazzjonijiet kienu jinkludu analiżijiet tal-politika dwar il-foresti u tal-oqfsa legali, konsultazzjonijiet mal-ministeri rilevanti u ma' partijiet interessati oħra, u analiżi tal-aspetti ewlenin tal-VPA. Ir-rekwiżiti ġew inklużi bħala annessi fil-VPAs. L-annessi kienu jinkludu lista ta' oqsma, li fihom kien se jinħtieġ l-appoġġ[25] u azzjonijiet ippjanati[26].

**32**

Il-VPAs ma ddeskrivewx kif ir-responsabbiltajiet ta' finanzjament għandhom jinqasmu fost il-gvern, il-Kummissjoni u donaturi oħra[27].

is-sistema ta' diliġenza dovuta u l-frekwenza u n-natura tal-kontrolli fuq l-organizzazzjonijiet ta' monitoraġġ kif stipulat fir-Regolament (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi li jqiegħdu fis-suq injam u prodotti tal-injam (ĠU L 177, 7.7.2012, p. 16).

22 Il-minuti mil-laqgħa *ad hoc* dwar il-koordinazzjoni tad-donaturi tal-FLEGT tas-26.2.2004.

23 Attwalment, 26 pajjiż huma involuti f'diversi stadji tal-proċess tal-VPA.

24 Kif ġie konkluż fir-Rapport ta' Progress 2003-2010 tal-EFI, id-domandi għal appoġġ lill-VPAs diġà jaqbżu l-kapaċità biex jitwieġbu kollha u xi Stati Membri jixtiequ wkoll li jaħdmu ma' pajjiżi tal-viċinat (il-Belarussja, ir-Russja u l-Ukrajna) jew ma' reġjuni tal-viċinat (il-Balkani tal-Punent) li jirrappreżentaw sehem akbar tal-kummerċ tagħhom minn pajjiżi tropikali fil-fażi tal-iżvilupp. Ara r-Rapport ta' Progress 2003-2010 dwar il-Pjan ta' Azzjoni FLEGT; EFI (2011), p. 36.

25 Pereżempju, il-VPA bejn l-UE u r-Repubblika tal-Kamerun jinkludi dan li ġej: (a) bini ta' kapaċità; (b) komunikazzjoni; (c) promozzjoni ta' prodotti FLEGT fis-suq tal-Unjoni; (d) monitoraġġ tas-suq domestiku tal-injam; (e) industrijalizzazzjoni; (f) monitoraġġ tal-impatt tal-Ftehim; (g) għajnuna għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Iskema ta' Aċċertament tal-Legalità (h) modernizzazzjoni tas-sistema ta' traċċabbiltà; (i) tisħiħ tas-sistema nazzjonali ta' kontroll; (j) is-Sistema ta' Aċċertament tal-Legalità; (k) is-sistema għall-ħruġ ta' liċenzji FLEGT; (l) stabbiliment tal-awdijar indipendenti; (m) riforma tal-qafas legali; (n) talba għal finanzjament addizzjonali.

26 Pereżempju, l-organizzazzjoni tas-suq domestiku tal-injam jew l-istabbiliment ta' sistema ta' traċċabilità adatta.

27 Il-VPAs ma' pajjiżi AKP isemmu biss il-ħtieġa li jintalbu riżorsi mill-FEŻ u minn mekkaniżmi oħra li għandhom jiġu identifikati. Il-VPA mal-Indoneżja jsemmi

33
Il-proġetti implimentati flimkien mal-gvernijiet tal-pajjiżi b'VPA jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifikati fil-VPAs, pereżempju l-iżvilupp ta' sistemi ta' traċċar tal-injam, skemi ta' liċenzjar u l-ħolqien ta' funzjoni ta' awditur indipendenti. Madankollu, l-objettiv tat-tisħiħ tal-infurzar tal-liġi mill-awtoritajiet nazzjonali ma ġiex indirizzat b'mod ċar billi ftit ħafna mill-proġetti kkonċentraw fuq din il-kwistjoni ewlenija. L-infurzar dgħajjef tal-liġi għandu impatt sinifikanti fuq l-estent ta' attivitajiet ta' qtugħ illegali tas-siġar minħabba li l-probabbiltà ta' qbid u prosekuzzjoni ta' reati ambjentali huwa baxx filwaqt li l-inċentivi għal operat illegali huma, b'mod korrispondenti, għoljin. Il-pajjiżi b'VPA għandhom ħtiġijiet konsiderevoli f'dan il-qasam, kif iddimostrat pereżempju mill-klassifikazzjonijiet tagħhom fl-Indiċi dwar il-Perċezzjoni tal-Korruzzjoni ta' Transparency International (ara l-***Anness IV***). Filwaqt li f'ċerti pajjiżi b'VPA tista' tiġi osservata xejra pożittiva, il-biċċa l-kbira minnhom jibqgħu fost il-pajjiżi bl-ogħla rata perċepita ta' korruzzjoni fid-dinja.

34
L-appoġġ lill-proċess tal-VPA ma ġiex inkluż b'mod konsistenti fl-istrateġiji ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp mal-pajjiżi sħab. It-tmexxija tal-foresti hija inkluża bħala parti mis-settur fokali f'5[28] mit-12-il pajjiż b'VPA[29] fid-Dokumenti ta' Strateġija għall-Pajjiż għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013. Billi l-qtugħ illegali tas-siġar jinvolvi kwistjonijiet multisettorjali (tmexxija, kummerċ, agrikoltura), il-FLEGT jista' jiġi ttrattat fi ħdan diversi setturi fokali fil-pajjiżi kollha b'VPA, iżda l-istrateġiji ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp ma jesplorawx din il-possibbiltà jew ma jsemmux il-ħtieġa li l-kwistjonijiet relatati mal-FLEGT jiġu integrati f'setturi fokali rilevanti.

l-possibbiltà li jintalbu riżorsi fil-kuntest tal-eżerċizzji ta' pprogrammar tal-UE.

28 Il-Kamerun, il-Honduras, l-Indoneżja, il-Malasja u r-Repubblika tal-Kongo.

29 L-awdituri analizzaw 12-il pajjiż li ffirmaw jew li attwalment qegħdin jinnegozjaw VPAs u li jirċievu appoġġ taħt il-FLEGT.

**Kaxxa 3**

## Il-Liberja u r-Repubblika Ċentru-Afrikana

Il-Liberja u r-Repubblika Ċentru-Afrikana, it-tnejn li huma firmatarji ta' VPA, irċevew ammonti sinifikanti ta' appoġġ finanzjarju għat-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-VPAs tagħhom[30]. Dawn il-pajjiżi jesportaw volumi limitati ħafna ta' prodotti tal-injam lejn l-UE u qed jiffaċċjaw ħafna sfidi għat-tmexxija li mhux se jippermettulhom jiżviluppaw sistema ta' liċenzjar li tiffunzjona fil-futur qarib. B'kuntrast, il-Kosta tal-Avorju esportat volumi sinifikattivament ogħla minn dawn il-pajjiżi ta' prodotti tal-injam lejn l-UE[31], iżda ma rċeviet ebda assistenza finanzjarja biex tħejjiha għal VPA.

30 L-importazzjonijiet fl-UE ta' prodotti tal-injam mil-Liberja u mir-Repubblika Ċentru-Afrikana kellhom medja ta' madwar EUR 5 miljun u EUR 18-il miljun kull sena, rispettivament, filwaqt li l-appoġġ finanzjarju totali lil dawn il-pajjiżi ammonta għal EUR 11.9 miljun u EUR 6.8 miljun rispettivament.

31 Medja ta' madwar EUR 166 miljun kull sena.

## L-appoġġ tal-UE lil pajjiżi li jipproduċu l-injam ma kienx effettiv biżżejjed

**35**
Il-Qorti eżaminat

(a) jekk l-outputs tal-proġetti twasslux kif ippjanat;

(b) jekk il-progress kumplessiv lejn sistemi ta' liċenzjar kienx sodisfaċenti; u

(c) jekk il-Kummissjoni mmonitorjatx u rrappurtatx b'mod xieraq dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni.

### Il-proġetti prinċipali eżaminati kienu problematiċi

**36**
Proġetti mmirati lejn it-tisħiħ tal-kapaċità ta' awtoritajiet pubbliċi ma kinżux effettivi. B'kuntrast, il-FLEGT tabilħaqq saħħaħ l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u b'hekk żied it-trasparenza tas-settur tal-forestrija. Il-proġetti li kienu l-aktar finanzjarjament l-aktar sinifikanti fil-Kamerun u fl-Indoneżja ma wasslux ir-riżultati mistennija. In-nuqqas ta' suċċess fil-Kamerun waqqaf il-progress li kien qed isir filwaqt li l-falliment tal-proġett fl-Indoneżja wassal għal bidla fil-fokus għall-użu tal-fondi tal-UE.

**37**
Il-proġett prinċipali fil-proċess tal-VPA fil-Kamerun, li għandu l-għan li jistabbilixxi sistema ta' traċċar tal-injam[32], falla billi s-sistema żviluppata mhijiex operazzjonali, li jfisser li r-riżultati tanġibbli eżistenti tal-proġett mhumiex se jintużaw. Il-proġett kien qed jopera bejn l-2010 u l-2013 u sewa EUR 2.27 miljun. Il-falliment irriżulta minn kombinament ta' fatturi, li kienu jvarjaw minn valutazzjoni mhux xierqa tal-ħtiġijiet għal nuqqasijiet serji fl-implimentazzjoni tal-proġett. Karatteristika ta' din il-valutazzjoni inadegwata tal-ħtiġijiet kienet il-koordinazzjoni ineffettiva tal-Kummissjoni mal-partijiet interessati u, b'mod partikolari, mal-Ministeru tal-Forestrija u Organiżmi Selvaġġi. Barra minn hekk, il-prestazzjoni tal-kuntrattur kienet inadegwata, u l-Kummissjoni ma ħaditx azzjonijiet ta' rimedju f'waqthom. Il-falliment tas-sistema ta' traċċar tal-injam huwa wieħed mill-fatturi prinċipali li kkontribwixxa għad-dewmien fl-implimentazzjoni tal-VPA fil-Kamerun. Proġett separat iffinanzjat mid-Deutsche Gesellschaft für Internationale Zusammenarbeit, attwalment qed jaħdem fuq l-iżvilupp ta' sistema ġdida.

32 Proġett: *Mise en place d'un système de traçabilité du bois au Cameroun.*

### 38

Il-kisba maġġuri tal-proċess FLEGT fil-Kamerun huwa l-involviment tas-soċjetà ċivili fit-tmexxija tal-foresti. Qabel l-iffirmar tal-VPA, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ma kinux rikonoxxuti mill-gvern bħala sħab leġittimi bi dritt biex jesprimu tħassib dwar kwistjonijiet relatati mal-ġestjoni tar-riżorsi tal-foresti. Għalkemm ir-relazzjonijiet mal-ministeri kkonċernati spiss jibqgħu mimlija tensjoni[33], l-NGOs lokali u internazzjonali saru partijiet interessati aċċettati u għandhom il-possibbiltà li jinfluwenzaw il-politika dwar il-foresti fil-pajjiż f'diversi livelli. Dan għandu impatt pożittiv fuq it-trasparenza u r-responsabbiltà tas-settur kollu kemm hu. Madankollu, għalkemm il-proġetti ġeneralment saħħew il-pożizzjoni tas-soċjetà ċivili, tnejn minn erba' proġetti awditjati li ġew implimentati mill-NGOs ma wasslux l-outputs mistennija kollha prinċipalment minħabba objettivi ambizzjużi żżejjed.

### 39

Il-proġett li kien finanzjarjament l-aktar importanti mill-proġetti relatati mal-FLEGT fl-Indoneżja[34] kien immirat lejn it-titjib tal-infurzar tal-liġi u t-tmexxija fis-settur forestali permezz ta' tisħiħ tar-responsabbiltà u t-trasparenza, it-tnaqqis tal-kummerċ tal-injam illegali permezz tal-involviment tas-setturi tal-kummerċ u tal-industrija, u l-appoġġ tal-koordinazzjoni ta' attivitajiet relatati mal-FLEGT. Huwa ma wassalx il-biċċa l-kbira mir-riżultati ppjanati minħabba tfassil ambizzjuż iżżejjed u mhux realistiku tal-proġett, problemi matul l-implimentazzjoni u monitoraġġ dgħajjef. Il-proġett ma pproduċiex outputs konkreti, ingħalaq qabel iż-żmien u kien jeħtieġ li parti mill-fondi għall-proġett jiġu rkuprati. Wara nuqqas ta' ftehim mal-Kummissjoni dwar it-trattament tal-proġett, il-gvern Indoneżjan iddeċieda li jimplimenta l-VPA mingħajr aktar appoġġ dirett mill-Kummissjoni.

### 40

Filwaqt li d-Dokument ta' Strateġija għall-Pajjiż, tal-Kummissjoni, għall-Indoneżja matul il-perjodu 2002-2006 kien jinkludi l-ġestjoni ta' riżorsi naturali, b'mod partikolari ta' foresti, bħala wieħed mis-setturi fokali għall-għajnuna għall-iżvilupp, dan ma baqax il-każ għall-perjodu susseġwenti 2007-2013. Apparti mill-Proġett Indoneżjan ta' Appoġġ taħt il-FLEGT fl-2004, f'dan il-perjodu ma ġiet ipprogrammata ebda għajnuna tal-UE għall-iżvilupp fis-settur tal-forestrija għall-gvern tal-Indoneżja.

### 41

Mill-2004 'l quddiem, l-assistenza tal-UE fl-Indoneżja, li tammonta għal madwar EUR 10 miljun għal 11-il proġett, kienet ingħaddiet esklussivament lil NGOs. Il-proġetti kienu ġeneralment immirati lejn l-appoġġ ta' parteċipazzjoni lokali (mis-soċjetà ċivili jew minn atturi oħra mhux statali, inkluż is-settur privat) f'diversi elementi tal-VPA (inkluża r-riforma tal-politika), it-titjib tat-tmexxija tal-foresti, u l-implimentazzjoni ta' sistemi ta' traċċar tal-injam u sistemi indipendenti ta' monitoraġġ. Filwaqt li dan l-approċċ kellu l-vantaġġ li jinvolvi organizzazzjonijiet impenjati, kien meħtieġ approċċ aktar ikkoordinat minħabba l-estent tal-isfidi ffaċċjati. Waħda minn dawn l-isfidi hija li tingħata assistenza lil għadd kbir ta' intrapriżi żgħar u medji (SMEs) fit-tħejjija tagħhom għal-liċenzjar FLEGT sħiħ, iżda dan huwa kompitu li jmur lil hinn mill-kapaċitajiet tal-proġetti tal-Kummissjoni.

33 Pereżempju, il-Ministeru tal-Forestrija u Organiżmi Selvaġġi ma jagħtix segwitu lil rapporti dwar każijiet ta' estrazzjoni illegali mħejjija mill-komunitajiet lokali (Proġett: *Observation externe et communautaire des forêts dans la mise en œuvre de l'APV-FLEGT au Cameroun*).

34 Il-Proġett ta' Appoġġ taħt il-FLEGT KE-Indoneżja.

## 42

L-erba' proġetti tal-NGOs eżaminati fl-Indoneżja kienu qed jaħdmu biex isaħħu s-sistema indipendenti ta' monitoraġġ tal-pajjiż, jappoġġaw SMEs, u jtejbu t-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-VPA. Proġett wieħed kiseb l-għanijiet tiegħu kif skedat u skont il-baġit[35]. Żewġ proġetti għadhom qed jiġu implimentati, li wieħed minnhom x'aktarx li jwassal l-outputs ippjanati[36]. Il-proġett l-ieħor[37] esperjenza dewmien kbir u tnaqqis konsiderevoli fl-ambitu tiegħu minħabba dgħufijiet fit-tfassil tiegħu u l-irtirar ta' sieħeb ta' kofinanzjament.

## 43

Il-fatturi prinċipali identifikati mill-Qorti li affettwaw il-ksib ta' objettivi tal-proġetti f'dawn iż-żewġ pajjiżi ġew enfasizzati wkoll mill-evalwaturi tal-Kummissjoni fir-rapporti u l-evalwazzjonijiet tar-ROM tagħhom tal-proġetti relatati mal-FLEGT f'pajjiżi oħra b'VPAs. Dawn il-fatturi kienu: valutazzjoni insuffiċjenti tar-riskji u l-limitazzjonijiet tal-proġetti, tfassil mhux xieraq, ġestjoni u monitoraġġ dgħajfa tal-proġetti, u problemi ta' koordinazzjoni bejn is-sħab tal-proġetti.

### Il-progress fit-triq lejn il-liċenzjar miexi bil-mod

## 44

Attwalment, 26 pajjiż huma involuti fil-proċess tal-VPA. Disgħa minnhom qed jinnegozjaw VPAs, filwaqt li sitt pajjiżi diġà ffirmaw VPAs, jiġifieri l-Indoneżja, il-Kamerun, il-Ghana, ir-Repubblika tal-Kongo, il-Liberja u r-Repubblika Ċentru-Afrikana. Il-grad ta' avvanz lejn il-liċenzjar ivarja konsiderevolment fost dawn il-pajjiżi firmatarji minħabba varjetà ta' fatturi, bħal kapaċitajiet istituzzjonali u livelli ta' impenn għall-proċess li jvarjaw.

## 45

L-Indoneżja, fejn in-negozjati għall-VPA bdew f'Marzu 2007 u l-ftehim daħal fis-seħħ f'Mejju 2014, għamlet progress konsiderevoli fl-ittrattar ta' kwistjonijiet pendenti u tittama li tipprogressa għal liċenzjar FLEGT fil-futur qarib. Hija diġà għandha stabbilita sistema nazzjonali ta' aċċertament tal-legalità tal-injam u ta' liċenzjar, li hija obbligatorja għall-esportazzjonijiet kollha. Wara l-valutazzjoni konġunta mwettqa fl-2013 u l-2014, hija issa qed tindirizza l-kwistjonijiet li għad fadal. Żewġ sfidi kbar għall-Indoneżja huma (1) li tiżgura t-tmexxija meħtieġa f'pajjiż tad-daqs u d-diversità tagħha, u (2) li taċċerta li l-SMEs numerużi tagħha jikkonformaw bis-sħiħ mar-rekwiżiti regolatorji kollha.

## 46

Il-Kamerun esprima l-interess tiegħu li jiffirma VPA mal-UE fl-2004. Madankollu, minkejja li l-liġi tal-forestrija fil-Kamerun titqies bħala żviluppata sew, hija wkoll kumplessa ħafna u l-infurzar jibqa' sfida kbira. In-negozjati għall-VPA seħħew fuq medda ta' erba' snin, mill-2006 sal 2010. Minħabba fil-proċess twil ta' ratifika, il-ftehim fl-aħħar daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2011. Skont l-iskeda ssettjata fil-ftehim, is-sistema pilota ta' traċċar tal-injam kellha tiġi ttestjata fl-2013 u l-liċenzji FLEGT suppost kellhom jinħarġu fl-2015. Madankollu, l-objettiv prinċipali tal-VPA — l-iżvilupp ta' skema ta' liċenzjar tal-injam — għadu fadallu ħafna biex jintlaħaq, prinċipalment minħabba l-falliment tal-proġett li għandu l-għan li jiżviluppa s-sistema ta' traċċar tal-injam. Għaldaqstant, hemm ħafna sfidi x'jingħelbu qabel ikun jista' jinkiseb liċenzjar FLEGT sħiħ.

35 Proġett: Strengthening civil society organisations and small and medium timber industries in VPA preparation and SVLK implementation.

36 Proġett: Promoting the implementation of Timber Legality Assurance (FLEGT Licence) as a key step to sustainable production and consumption in Indonesia's wood-processing industry.

37 Proġett: Strengthening state and non-state actors in the preparation, negotiation and/or implementation of FLEGT-VPA.

**47**
Il-Ghana, li kien l-ewwel pajjiż li ffirma VPA fl-2009, oriġinarjament ippreveda li l-ewwel prodotti liċenzjati FLEGT kienu se jiġu esportati sa tmiem l-2011. Is-sistema ta' traċċar tal-injam hija diġà operazzjonali, iżda l-proċeduri tal-liċenzjar għad iridu jiġu ttestjati. Attwalment, l-ambizzjoni tal-pajjiż hija li s-sistemi jkunu lesti għal-liċenzjar sa tmiem l-2015.

**48**
Fir-Repubblika tal-Kongo, li rratifikat il-VPA tagħha f'Mejju 2010, l-istrateġija għall-foresti u l-liġi l-ġdida tal-forestrija qed jitħejjew. Madankollu, il-progress mexa bil-mod minħabba kombinament ta' fatturi, prinċipalment ikkonċernati mat-tmexxija.

**49**
Il-Liberja u l-UE daħlu f'negozjati għall-VPA f'Marzu 2009 u l-VPA ġie ffirmat f'Lulju 2011. Madankollu, il-qtugħ illegali tas-siġar għadu problema kbira, kif huwa wkoll l-abbuż ta' Permessi għall-Użu Privat[38]. L-isfida prinċipali hija l-kapaċità dgħajfa tas-servizzi ta' amministrazzjoni tal-foresti.

**50**
Il-VPA mar-Repubblika Ċentru-Afrikana ġie konkluż f'Novembru 2011, iżda l-gwerra ċivili waqqfet l-azzjonijiet kollha tal-gvern. Ħafna żoni tal-pajjiż jinsabu barra mill-kontroll tas-servizzi ta' amministrazzjoni tal-foresti, li jxekkel il-proċess ta' implimentazzjoni tal-VPA.

**51**
Attwalment, disa' pajjiżi oħra qed jinnegozjaw VPAs. Wieħed minnhom, il-Malasja, li hija produttur importanti ta' injam tropikali, kienet l-ewwel pajjiż li beda n-negozjati fl-2006. Madankollu, negozjati intensivi matul is-snin ma rnexxilhomx jegħlbu d-diffikultajiet tal-applikazzjoni ta' VPA fil-pajjiż kollu, u b'mod partikolari f'Sarawak. Fin-nuqqas ta' VPA, il-Malasja tagħmel użu estensiv minn skemi pubbliċi u privati ta' ċertifikazzjoni.

**52**
Filwaqt li l-Kummissjoni rnexxielha tenfasizza l-kwistjoni tal-qtugħ illegali tas-siġar u żżomm interess konsiderevoli fis-suġġett, il-progress lejn il-liċenzjar miexi bil-mod. Hemm il-periklu li tidħol "għejja relatata mal-FLEGT", hekk kif il-pajjiżi jsiru frustrati bin-nuqqas ta' progress u jkunu jistgħu jsibu swieq inqas stringenti għall-prodotti tagħhom. Fil-biċċa l-kbira mill-pajjiżi, l-isfidi prinċipali fil-proċess ta' implimentazzjoni huma nuqqas ta' kapaċità istituzzjonali, korruzzjoni mifruxa u infurzar dgħajjef tal-liġi.

38 Ara: http://www.illegal-logging.info/regions/liberia

## Il-proċeduri ta' monitoraġġ u rappurtar ma kinux sodisfaċenti

### 53

Il-Kummissjoni ma rrappurtatx perjodikament dwar il-progress tal-Pjan ta' Azzjoni FLEGT. Għalkemm, skont l-Artikolu 9 tar-Regolament dwar il-FLEGT, kien meħtieġ li jiġi ppreżentat rapport lill-Kunsill fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ tal-ewwel VPA, ebda rapport bħal dan ma tħejja. Kien hemm disponibbli rapporti dwar pajjiżi sħab individwali, li kien fihom informazzjoni dwar attivitajiet implimentati f'diversi oqsma tal-VPA, iżda dawn ma kejlux il-progress tal-implimentazzjoni tal-VPA mqabbel ma' stadji importanti ssettjati, u lanqas ma ddeskrivew il-kisbiet u d-diffikultajiet iffaċċjati, flimkien ma' kif dawn ġew ittrattati.

### 54

In-nuqqas ta' qafas, li jinkorpora database robust (ara l-paragrafu 22) li jiffaċilita r-responsabbiltà, kien problematiku. Minħabba n-nuqqas ta' objettivi u ta' stadji importanti, il-valutazzjoni tal-progress kienet diffiċli. Kif intqal fir-Rapport ta' Progress 2003-2010 tal-EFI dwar il-Pjan ta' Azzjoni FLEGT, dan isir aktar diffiċli minħabba l-fatt li l-Pjan ta' Azzjoni huwa aktar proċess politiku milli huwa programm tradizzjonali ta' għajnuna[39].

### 55

Kien biss tard fl-2014 li l-Kummissjoni introduċiet qafas standardizzat ta' monitoraġġ tal-progress għall-kejl tal-ksib tal-passi ewlenin għall-implimentazzjoni tal-VPA. Sa issa, dan kien għall-iskopijiet ta' ġestjoni interna tal-Kummissjoni. Billi s-sistema ġiet introdotta biss reċentement ħafna, għadu kmieni wisq biex isiru kummenti dwar kif topera fil-prattika.

### 56

Fi tmiem l-2014, il-Kummissjoni nediet evalwazzjoni esterna tal-Pjan ta' Azzjoni FLEGT, b'rapport ippjanat għal Ottubru 2015. Din l-evalwazzjoni, li qed isseħħ 12-il sena wara li ġie ppreżentat il-Pjan ta' Azzjoni, kien imissha ilha li saret, fid-dawl tad-diffikultajiet iffaċċjati u l-iżviluppi sostanzjali matul dan il-perjodu kien imisshom ġew identifikati u analizzati biex jiġi vvalutat l-impatt fuq il-Pjan ta' Azzjoni eżistenti, pereżempju:

(a) l-importanza dejjem tiżdied ta' ekonomiji Asjatiċi kbar fil-kummerċ tal-injam;

(b) l-impatt dejjem jikber tal-konverżjoni illegali ta' foresti għal skopijiet oħra, bħall-agrikoltura;

(c) il-possibbiltajiet għal sinerġiji akbar mal-miżura għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima REDD+;

(d) ix-xejriet dejjem jinbidlu fl-esportazzjonijiet tal-injam lejn l-UE;

(e) il-possibbiltà li jsir aktar użu minn skemi privati ta' ċertifikazzjoni.

39 Ir-Rapport ta' Progress 2003 – 2010 dwar il-Pjan ta' Azzjoni FLEGT, EFI (2011), p. 34.

# Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

57
Il-Qorti tikkonkludi li l-Kummissjoni ma mmaniġġjatx tajjeb biżżejjed l-appoġġ ipprovdut taħt il-Pjan ta' Azzjoni FLEGT tal-UE.

58
L-appoġġ taħt il-FLEGT ma kienx imfassal u mmirat tajjeb biżżejjed:

(a) L-appoġġ tal-UE lill-proċess tal-FLEGT kien ibbażat fuq valutazzjoni soda tal-problema ta' qtugħ illegali tas-siġar, il-motivatur tagħha u l-miżuri possibbli li għandhom jittieħdu, u l-Kummissjoni kkonċepiet il-Pjan ta' Azzjoni FLEGT b'mod innovattiv.

(b) Madankollu, il-Kummissjoni ma ħarġitx bi pjan ta' ħidma xieraq b'objettivi u stadji importanti ċari, u b'baġit dedikat. Filwaqt li kien ikun diffiċli li dawn jitħejjew fil-bidu nett tal-Pjan ta' Azzjoni, kellhom jiġu stabbiliti fis-snin bikrin tiegħu.

(c) L-adozzjoni tardiva u l-implimentazzjoni bil-mod tal-EUTR aġixxew bħala diżinċentivi għall-pajjiżi b'VPA fit-tħejjija tagħhom għal-liċenzjar eventwali FLEGT.

(d) Il-vojt li nħoloq bin-nuqqas ta' liċenzjar FLEGT imtela' sa ċertu punt minn korpi privati taċ-ċertifikazzjoni, li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-issodisfar tar-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta tal-EUTR. Madankollu, il-Kummissjoni ma esploratx biżżejjed is-sinerġiji possibbli bejn il-FLEGT u dawn l-iskemi privati.

(e) Il-Kummissjoni ma ssettjatx prijoritajiet ta' finanzjament ċari għall-appoġġ tagħha lil pajjiżi li jipproduċu l-injam.

## Rakkomandazzjoni 1 Pjan ta' ħidma

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi pjan ta' ħidma għad-diversi komponenti tal-Pjan ta' Azzjoni FLEGT għall-perjodu 2016-2020, li jistipula objettivi, prijoritajiet, u dati ta' skadenza ċari u speċifiċi, kif ukoll baġit għall-appoġġ tal-UE f'pajjiżi li jipproduċu l-injam. L-objettivi għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni l-kapaċitajiet tal-pajjiżi u l-limitazzjonijiet speċifiċi tagħhom.

## Rakkomandazzjoni 2 Implimentazzjoni tal-EUTR

Wasal sew iż-żmien li l-Kummissjoni tinsisti fuq l-implimentazzjoni stretta tar-Regolament dwar l-Injam fl-Istati Membri kollha.

## Rakkomandazzjoni 3 Skemi privati ta' ċertifikazzjoni

Il-Kummissjoni għandha tidentifika l-punt sa fejn jista' jsir aktar użu mix-xogħol li jagħmlu korpi privati taċ-ċertifikazzjoni b'reputazzjoni tajba.

## Rakkomandazzjoni 4 Allokazzjoni tar-riżorsi

Ir-riżorsi għandhom jiġu allokati fejn huwa probabbli li jkollhom l-akbar impatt fit-trattament tal-qtugħ illegali tas-siġar u l-kummerċ relatat. Fil-każijiet fejn l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tal-VPA tkun tidher inqas fattibbli, il-Kummissjoni għandha tipproponi miżuri li jappoġġaw it-tmexxija tal-foresti, mingħajr ma jkun neċessarju li jiġi ffirmat VPA.

**59**
L-appoġġ tal-UE lil pajjiżi li jipproduċu l-injam ma kienx effettiv biżżejjed.

(a) Huwa rrinforza s-soċjetà ċivili u qajjem sensibilizzazzjoni dwar il-problema tal-qtugħ illegali tas-siġar fil-pajjiżi sħab, iżda l-proġetti li kellhom l-għan li jsaħħu l-kapaċità tal-awtoritajiet pubbliċi ma pproduċewx l-eżiti mistennija.

(b) L-iskema ta' liċenzjar FLEGT, li kienet il-bażi tal-Pjan ta' Azzjoni, għadha mhijiex qed topera f'ebda wieħed mill-pajjiżi sħab. Issa għaddew 12-il sena minn meta l-Pjan ta' Azzjoni ġie ppreżentat u, għalkemm l-interess fil-VPAs kien estensiv, għadha ma qed topera ebda sistema ta' liċenzjar FLEGT, u dati suċċessivi pprogrammati għall-introduzzjoni tagħhom għaddew mingħajr dan ma sar.

(c) Il-Kummissjoni ma mmonitorjatx u ma rrappurtatx b'mod xieraq il-progress tal-Pjan ta' Azzjoni FLEGT. L-evalwazzjoni li tnediet fi tmiem l-2014 kien missha saret ħafna qabel.

## Rakkomandazzjoni 5
## Rappurtar

Il-Kummissjoni għandha tipproduċi rapport kull sentejn dwar il-progress tal-Pjan ta' Azzjoni FLEGT. Dan għandu jinkludi valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-VPA, dati ta' skadenza skedati, diffikultajiet li nstabu, u miżuri li ttieħdu jew li ġew ippjanati.

## Rakkomandazzjoni 6
## Evalwazzjonijiet

Il-Kummissjoni għandha tuża l-evalwazzjoni attwali bħala opportunità biex tivvaluta kif l-approċċ attwali jista' jiġi modifikati biex jipproduċi riżultati aktar tanġibbli.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla III, immexxija mis-Sur Karel PINXTEN, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-8 ta' Settembru 2015.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*



Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA
*President*

Anness I

## Implimentazzjoni tal-FLEGT, tmexxija tal-foresti u programmi relatati mal-kummerċ mill-2003–2013

*(EUR miljun)*

| Reġjun/Pajjiż | VPAs | | | Modi ta' ġestjoni | | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Iffirmati (sena) | Interess[1] | Negozjati li għadhom għaddejjin[3] | Implimentazzjoni mill-Istati Membri | Ġestjoni konġunta ma' organizzazzjonijiet internazzjonali | Oħrajn (implimentazzjoni minn pajjiżi sħab, NGOs, kumpaniji pubbliċi u privati) | |
| **L-Afrika sub-Saħarjana** | | | | | | | **74.89** |
| Diversi pajjiżi[2] | | | | | | 14.92 | 14.92 |
| Il-Kamerun | 2010 | | | | | 13.66 | 13.66 |
| Il-Liberja | 2011 | | | 8.00 | | 3.90 | 11.90 |
| Il-Ghana | 2009 | | | | | 3.00 | 3.00 |
| Il-Burkina Faso | | | | | 7.80 | 0.20 | 8.00 |
| Ir-Repubblika tal-Kongo | 2010 | | | | | 7.56 | 7.56 |
| Ir-Repubblika Ċentru-Afrikana | 2011 | | | | | 6.80 | 6.80 |
| Ir-Repubblika Ir-Repubblika tal-Kongo | | | X | | 3.00 | 2.18 | 5.18 |
| L-Uganda | | | | | | 2.75 | 2.75 |
| Madagascar | | | | | | 0.68 | 0.68 |
| Il-Gabon | | | X | | | 0.20 | 0.20 |
| Is-Sudan | | | | | | 0.19 | 0.19 |
| Il-Malawi | | | | | | 0.05 | 0.05 |
| **L-Amerika Latina** | | | | | | | **90.21** |
| Diversi pajjiżi[2] | | | | | | 3.93 | 3.93 |
| Il-Honduras | | | X | 20.40 | | 21.73 | 42.13 |
| Il-Brażil | | | | | 10.79 | 12.74 | 23.53 |
| In-Nikaragwa | | | | 2.00 | | 6.06 | 8.06 |
| Il-Kolombja | | X | | | | 8.05 | 8.05 |
| Il-Perù | | X | | | | 4.03 | 4.03 |
| Il-Guyana | | | X | | | 0.45 | 0.45 |
| Iċ-Ċili | | | | | | 0.04 | 0.04 |

*(EUR miljun)*

| Reġjun/Pajjiż | VPAs | | | Modi ta' ġestjoni | | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Iffirmati (sena) | Interess[1] | Negozjati li għadhom għaddejjin[3] | Implimentazzjoni mill-Istati Membri | Ġestjoni konġunta ma' organizzazzjonijiet internazzjonali | Oħrajn (implimentazzjoni minn pajjiżi sħab, NGOs, kumpaniji pubbliċi u privati) | |
| **L-Asja u l-Paċifiku** | | | | | | | **43.37** |
| Diversi pajjiżi[2] | | | | | 10.60 | 1.91 | 12.51 |
| L-Indoneżja | 2011 | | | | | 21.95 | 21.95 |
| Iċ-Ċina | | | | | | 3.84 | 3.84 |
| Il-Filippini | | X | | | | 1.92 | 1.92 |
| L-Afganistan | | | | | | 1.88 | 1.88 |
| It-Tajlandja | | | | | | 0.61 | 0.61 |
| Il-Myanmar | | X | | | | 0.45 | 0.45 |
| Il-Gżejjer Solomon | | X | | | | 0.18 | 0.18 |
| Il-Malasja | | | X | | | | |
| Il-Vjetnam | | | X | | | 0.03 | 0.03 |
| **Il-Viċinat** | | | | | | | **25.04** |
| Diversi pajjiżi[2] | | | | | 15.00 | | 15.00 |
| Il-Marokk | | | | | | 5.63 | 5.63 |
| Il-Kosovo | | | | 2.70 | | 0.41 | 3.11 |
| Il-Montenegro | | | | | | 0.75 | 0.75 |
| Il-Libanu | | | | | | 0.33 | 0.33 |
| L-Albanija | | | | | | 0.10 | 0.10 |
| Il-Georgia | | | | | | 0.09 | 0.09 |
| Il-Belarussja | | | | | | 0.03 | 0.03 |
| **Żewġ reġjuni jew aktar** | | | | | | | **63.65** |
| Diversi pajjiżi[2] | | | | | 39.60 | 24.05 | 63.65 |
| | | | **TOTAL** | **33.10** | **86.79** | **177.28** | **297.17** |

1 Sitt pajjiżi oħra esprimew l-interess tagħhom (il-Bolivja, il-Kambodja, l-Ekwador, il-Gwatemala, Papua New Guinea u Sierra Leone), iżda għadu ma kien hemm ebda impenn finanzjarju.

2 Proġetti li jinvolvu diversi pajjiżi jinkludu: (**għall-Asja u l-Paċifiku**) ftehimiet mal-Istitut Ewropew għall-Foresti għal total ta' EUR 10.6 miljun (FLEGT Asja); u (**għar-reġjun tal-Viċinat**) ftehimiet mal-Bank Dinji li jammontaw b'total ta' EUR 15-il miljun (FLEGT).
Fir-rigward ta' proġetti li jinvolvu diversi pajjiżi u li jkopru aktar minn żewġ reġjuni, il-programmi prinċipali jinkludu ftehimiet għal EUR 12-il miljun mal-EFI u ftehimiet għal EUR 20 miljun mal-FAO (FLEGT AKP: EUR 10 miljun u UE FAO FLEGT: EUR 10 miljun).

3 Għadhom għaddejjin negozjati għal tliet pajjiżi ulterjuri li għalihom għadu ma kien hemm ebda impenn finanzjarju — il-Kosta tal-Avorju, il-Laos u t-Tajlandja.

*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri abbażi tal-informazzjoni pprovduta mid-DĠ DEVCO.

## Lista ta' proġetti awditjati

| Pajjiż | Titolu tal-proġett | Kontribuzzjoni mill-UE (EUR) | Perjodu ta' implimentazzjoni |
|---|---|---|---|
| Il-Kamerun | *Mise en place d'un Observateur Indépendant au contrôle forestier et au suivi des infractions forestières au Cameroun* | 2 480 070 | 31.12.2009 – 30.12.2013 |
| | *Mise en place d'un système de traçabilité du bois au Cameroun* | 2 496 763 | 15.2.2010 – 14.12.2012 |
| | *Mise en place d'un Audit Indépendant du Système FLEGT au Cameroun* | 1 164 600 | 4.5.2012 – 3.5.2014 |
| | *Promotion de la production et de l'exportation légales des bois issus des forêts communautaires* | 987 139 | 1.2.2011 – 31.1.2012 |
| | *Observation externe et communautaire des forêts dans la mise en œuvre de l'APV-FLEGT au Cameroun* | 113 836 | 19.1.2012 – 18.7.2013 |
| L-Indoneżja | EC-Indonesia FLEGT Support Project | 11 276 872 | 1.3.2006 – 28.11.2011 |
| | Collaborative land use planning and sustainable institutional arrangement for strengthening land tenure, forest and community rights in Indonesia | 1 796 619 | 1.3.2010 – 28.2.2014 |
| | Strengthening state and non-state actors in the preparation, negotiation and/or implementation of FLEGT-VPA | 1 189 228 | 10.1.2011 – 31.12.2015 |
| | Strengthening Indonesia's Independent Forestry Monitoring Network to ensure a credible timber legality verification system and effective VPA implementation | 188 946 | 1.5.2011 – 30.4.2013 |
| | Promoting the implementation of timber legality assurance (FLEGT licence) as a key step to sustainable production and consumption in Indonesia's wood-processing industry | 1 091 463 | 30.1.2013 – 28.2.2014 |

## Lista ta' evalwazzjonijiet tal-proġetti u ta' MOR analizzati

### Evalwazzjonijiet

| | Titolu tal-proġett | Kontribuzzjoni mill-UE (EUR) | Pajjiż | Data u tip ta' evalwazzjoni | Sejbet prinċipali tar-rapport |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Regional Support Programme for the EU FLEGT Action Plan in Asia | 5 800 000 | Kwartieri Ġenerali | Diċembru 2010<br>Nofs it-terminu | o Tfassil dgħajjef tal-proġett: l-objettivi, l-attivitajiet tal-proġett, ir-riżultati mistennija u l-istadji importanti mhumiex speċifiċi biżżejjed<br>o Ebda sistema ċara ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni, li jirriżulta f'effiċjenza fqira u f'responsabbiltà limitata |
| 2 | VERIFOR — Institutional Options for Verifying Legality in the Forest Sectort | 1 902 171 | Kwartieri Ġenerali | Novembru 2009<br>Finali | o Nuqqas ta' flessibbiltà tal-proġett biex jadatta jew jakkomoda l-qafas loġiku tiegħu (LFA) għad-dinamika ta' ċerti reġjuni fl-Asja u fl-Afrika, biex b'hekk tnaqqset l-effettività tiegħu |
| 3 | Timber Trade Action Plan (TTAP) — a TFT (Tropical Forest Fund) project | 3 389 796 | Kwartieri Ġenerali | Mejju 2012<br>Finali għall-ewwel fażi u ta' nofs it-terminu għat-tieni fażi | o Prestazzjoni tal-proġett pożittiva ħafna kumplessivament |
| 4 | Ensuring a seat at the table: supporting NGO coalitions to participate in FLEGT VPA processes with the aim of improving forest governance and strengthening local and indigenous peoples' rights | 960 000 | Kwartieri Ġenerali | Ġunju 2012<br>Finali | o Prestazzjoni tal-proġett pożittiva ħafna kumplessivament |
| 5 | Forest Governance Learning Group (FGLG) — enabling practical, just and sustainable forest use | 1 866 365 | Kwartieri Ġenerali | Jannar 2014<br>Finali | o Nuqqas ta' valutazzjoni sistematika tal-ħtiġijiet u qafas loġiku tal-proġett li mhuwiex speċifiku biżżejjed, b'ebda indikatur definit b'mod xieraq fil-livell tal-pajjiżi<br>o Azzjonijiet appoġġati mill-proġett huma insuffiċjenti biex jinkiseb il-livell intenzjonat ta' titjib fit-tmexxija |
| 6 | *Mise en place d'un système de traçabilité du bois au Cameroun* | 2 496 763 | Il-Kamerun | Mejju 2013<br>Finali | o Tfassil dgħajjef tal-proġett: ir-riskji u l-limitazzjonijiet tal-pajjiż ma ttieħdux inkunsiderazzjoni b'mod xieraq<br>o Koordinazzjoni insuffiċjenti fost il-partijiet interessati<br>o Monitoraġġ u ġestjoni tal-proġett ineffettivi<br>o Outputs ma twasslux kif mistenni |
| 7 | *Promotion de la production et de l'exportation légales des bois issus des forêts communautaires* | 987 139 | Il-Kamerun | Diċembru 2012<br>Nofs it-terminu | o Limitazzjonijiet mhux ivvalutati u antiċipati biżżejjed<br>o Tfassil tal-proġett mhux realistiku biżżejjed |
| 8 | Strengthening African Forest Governance — through high-level national 'illegal logging' meetings and mid-level awareness raising and training | 1 890 608 | Il-Kamerun | Mejju 2013<br>Nofs it-terminu | o Ebda qafas loġiku xieraq b'indikaturi verifikabbli b'mod oġġettiv<br>o Defiċjenzi fil-monitoraġġ tal-proġett: nuqqas ta' laqgħat regolari tal-kumitat ta' tmexxija<br>o Problemi ta' koordinazzjoni li wasslu għal nuqqas ta' rabtiet bejn id-diversi outputs tal-proġett |

Anness III

| | Titolu tal-proġett | Kontribuzzjoni mill-UE (EUR) | Pajjiż | Data u tip ta’ evalwazzjoni | Sejbet prinċipali tar-rapport |
|---|---|---|---|---|---|
| 9 | EC-Indonesia FLEGT Support Project | 11 276 872 | L-Indoneżja | Settembru 2010 Finali | o Tfassil tal-proġett mhux xieraq u mhux realistiku<br>o Monitoraġġ u superviżjoni tal-proġett ineffettivi<br>o Il-biċċa l-kbira mill-outputs ma twasslux kif ippjanat |
| 10 | *Observation Indépendante de l’application de la Loi Forestière et de la Gouvernance (OI-FLEG) en appui aux APV FLEGT dans le Bassin du Congo* | 1 598 497 | Ir-Repubblika tal-Kongo | Marzu 2012 Nofs it-terminu | o Xi dgħufijiet fil-qafas loġiku, notevolment fid-definizzjoni ta' indikaturi verifikabbli b'mod oġġettiv<br>o Defiċjenzi fil-monitoraġġ tal-proġett: nuqqas ta' laqgħat regolari tal-kumitat ta' tmexxija |

## Rapporti tal-MOR

| | Titlu tal-proġett | Kontribuzzjoni mill-UE għall-programm (EUR) | Pajjiż | Data tal-MOR | Sejbet prinċipali tar-rapport |
|---|---|---|---|---|---|
| 11 | Forest Peoples Programme: A Strong Seat at the Table: Effective Participation of Forest-Dependent Communities and Civil Society Organisations in FLEGT | 778 271 | Il-Kamerun | Marzu 2013 | o Qafas loġiku mhux elaborat b'mod xieraq, li jagħmilha diffiċli li jiġu vvalutati l-outputs li twasslu<br>o Is-sħab mhumiex involuti b'mod xieraq fit-tfassil tal-proġett<br>o Koordinazzjoni limitata ma' proġetti oħra relatati mal-FLEGT u ma' atturi nazzjonali<br>o Sforzi ta' monitoraġġ limitati |
| 12 | *Promotion de la production et de l'exportation légales des bois issus des forêts communautaires* | 987 139 | | Marzu 2013 | o Qafas loġiku dgħajjef, b'objettivi u indikaturi li mhumiex speċifiċi biżżejjed<br>o Ebda analiżi suffiċjenti tar-riskju<br>o Monitoraġġ dgħajjef tal-attivitajiet<br>o Dewmien fl-implimentazzjoni<br>o Nuqqas ta' strateġija ta' ħruġ flessibbli/vijabbli |
| 13 | Strengthening African Forest Governance — through high-level national 'Illegal logging' meetings and mid-level awareness raising and training | 1 890 608 | | Ġunju 2013 | o Qafas loġiku dgħajjef, u objettivi, outputs u indikaturi mfassla b'mod fqir<br>o Koordinazzjoni dgħajfa fost il-partijiet interessati<br>o Kwalità baxxa tal-outputs u sostenibbiltà inċerta |
| 14 | Capacity building in the Congo Basin and implementation of Independent Monitoring of Forest Law Enforcement and Governance (IM-FLEG) in the Republic of Congo | 1 636 366 | Ir-Repubblika tal-Kongo | April 2009 | o Indikaturi mhux dejjem kwantifikabbli<br>o Proġett dipendenti fuq finanzjament estern u ma joħloqx dħul għalih innifsu<br>o Mhuwiex probabbli li l-istruttura istituzzjonali se tibqa' mingħajr intervent estern |
| 15 | *Observation Indépendante de l'application de la Loi Forestière et de la Gouvernance (OI-FLEG) en appui aux APV FLEGT dans le Bassin du Congo* | 1 438 647 | | Diċembru 2012 | o Indikaturi mhux speċifiċi u diffiċli li jitkejlu<br>o Ma sarux laqgħat tal-kumitat ta' tmexxija, minkejja li kienu ppjanati<br>o Sostenibbiltà dipendenti fuq finanzjament kontinwat mid-donaturi |
| 16 | *Vulgarisation de l'APV/FLEGT pour une appropriation et participation des populations locales dont les populations autochtones dans sa mise en œuvre* | 180 000 | | Diċembru 2012 | o Qafas loġiku dgħajjef, xi indikaturi ma jistgħux jitkejlu<br>o Il-partijiet interessati mhumiex involuti b'mod xieraq fit-tfassil tal-proġett<br>o Ma sarux laqgħat tal-kumitat ta' tmexxija, minkejja li kienu ppjanati<br>o Problemi ta' sostenibbiltà: il-proċess tal-VPA għadu għaddej, il-livell ta' taħriġ tekniku tas-sħab u ta' partijiet interessati oħra huwa insuffiċjenti |

| | Titlu tal-proġett | Kontribuzzjoni mill-UE għall-programm (EUR) | Pajjiż | Data tal-MOR | Sejbet prinċipali tar-rapport |
|---|---|---|---|---|---|
| 17 | Governance Initiative for Rights & Accountability in Forest Management (GIRAF) | 865 767 | Il-Ghana | Lulju 2011 | o Qafas loġiku dgħajjef<br>o Riskji u suppożizzjonijiet vagi<br>o Koordinazzjoni dgħajfa bejn is-sħab<br>o Ambjent politiku mhux favorevoli<br>o Implimentazzjoni ineffiċjenti ta' xi attivitajiet<br>o Is-sostenibbiltà mhijiex parti integrali fit-tfassil tal-proġett |
| 18 | Supporting the integration of legal and legitimate domestic timber markets into Voluntary Partnership Agreements | 1 999 265 | | Ġunju 2013 | o Indikaturi li mhux dejjem jistgħu jitkejlu, il-monitoraġġ u l-kejl tar-riżultati huwa diffiċli |
| 19 | Pioneering a new way to conserve rainforest: from illegal logging to good governance | 2 560 516 | L-Indoneżja | Novembru 2011 | o Indikaturi li mhumiex żviluppati tajjeb biżżejjed<br>o Il-kumplessità u l-għadd ta' atturi involuti huwa stmat b'mod insuffiċjenti minn dawk li jimplimentaw il-proġett<br>o Integrazzjoni dgħajfa fi strutturi istituzzjonali lokali |
| 20 | Improving governance of forest resources and reducing illegal logging and associated trade with full civil society participation in SE Asia | 1 645 901 | | Settembru 2007 | o Indikaturi li għandhom ikunu aktar realistiċi |
| 21 | Collaborative land use planning and sustainable institutional arrangement for strengthening land tenure, forest and community rights in Indonesia | 1 796 619 | | Novembru 2012 | o Indikaturi li ma għandhomx id-dettall meħtieġ<br>o Dgħufijiet fir-rappurtar dwar il-progress<br>o Ebda strateġija ta' ħruġ soda |
| 22 | Strengthening state and non-state actors in the preparation, negotiation and/or implementation of FLEGT-VPA | 1 189 228 | | Diċembru 2013 | o Indikaturi inadegwati<br>o Koordinazzjoni insuffiċjenti: nuqqas ta' laqgħat tal-kumitat ta' tmexxija, kollaborazzjoni limitati bejn is-sħab<br>o Dewmien fl-implimentazzjoni |

| | Titlu tal-proġett | Kontribuzz-joni mill-UE għall-programm (EUR) | Pajjiż | Data tal-MOR | Sejbet prinċipali tar-rapport |
|---|---|---|---|---|---|
| 23 | Strengthening Forest Management in Post-Conflict Liberia | 1 616 448 | Il-Liberja | Ġunju 2012 | o Nuqqas ta' ċarezza u realiżmu fil-qafas loġiku<br>o Nuqqas ta' għodod ta' monitoraġġ u evalwazzjoni fit-tfassil<br>o Ħafna benefiċjarji mhumiex involuti fil-proċess tat-tfassil<br>o Problemi ta' komunikazzjoni bejn l-EUD u s-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni<br>o Ebda strateġija ta' sostenibbiltà |
| 24 | Civil Society Independent Monitoring of Forest Law Enforcement and Governance (CSIMFLEG) in Liberia | 150 000 | | Mejju 2013 | o Dgħufijiet fil-qafas loġiku: indikaturi mhux definiti tajjeb, skeda ta' żmien mhux realistika<br>o Benefiċjarji foqra u s-settur privat mhux involut fit-tfassil<br>o Monitoraġġ dgħajjef, ebda kumitat ta' tmexxija tal-proġett li jinvolvi l-partijiet interessati kollha<br>o Ebda strateġija ta' eliminazzjoni gradwali fil-pjan ta' ħidma<br>o Qafas ta' politika dgħajjef |
| 25 | Improving forest governance through civil society monitoring | 129 852 | | Mejju 2013 | o Nuqqas ta' ċarezza tal-qafas loġiku, indikaturi mhux SMART<br>o Persuni foqra f'żoni rurali u s-settur privat mhux involuti fil-proċess ta' tfassil<br>o Ħafna outputs tard ħafna, xi wħud ma twasslux<br>o Problemi ta' komunikazzjoni bejn l-EUD u s-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni<br>o Ebda strateġija ta' ħruġ |

## Transparency International — Indiċi dwar il-Perċezzjoni tal-Korruzzjoni 2007-2013

| Pajjiż | 2007 | | 2008 | | 2009 | | 2010 | | 2011 | | 2012 | | 2013 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | CPI | | | | | | | | | | | | | |
| | Punteġġ tas | Klassifika tas | Punteġġ tas | Klassifika tas | Punteġġ tas | Klassifika tas | Punteġġ tas | Klassifika tas | Punteġġ tas | Klassifika tas | Punteġġ tas | Klassifika tas | Punteġġ tas | Klassifika tas |
| Il-Kamerun | 2.4 | 138 | 2.3 | 141 | 2.2 | 146 | 2.2 | 146 | 2.5 | 134 | 2.6 | 144 | 2.5 | 144 |
| Il-Liberja | 2.1 | 150 | 2.4 | 138 | 3.1 | 97 | 3.3 | 87 | 3.2 | 91 | 4.1 | 75 | 3.8 | 83 |
| Il-Ghana | 3.7 | 69 | 3.9 | 67 | 3.9 | 69 | 4.1 | 62 | 3.9 | 69 | 4.5 | 64 | 4.6 | 63 |
| Ir-Repubblika tal-Kongo | 2.1 | 150 | 1.9 | 158 | 1.9 | 162 | 2.1 | 154 | 2.2 | 154 | 2.6 | 144 | 2.2 | 154 |
| Ir-Repubblika Ċentru-Afrikana | 2.0 | 162 | 2.0 | 151 | 2.0 | 158 | 2.1 | 154 | 2.2 | 154 | 2.6 | 144 | 2.5 | 144 |
| Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo | 1.9 | 168 | 1.7 | 171 | 1.9 | 162 | 2.0 | 164 | 2 | 168 | 2.1 | 160 | 2.2 | 154 |
| Il-Gabon | 3.3 | 84 | 3.1 | 96 | 2.9 | 106 | 2.8 | 110 | 3 | 100 | 3.5 | 102 | 3.4 | 106 |
| Il-Honduras | 2.5 | 131 | 2.6 | 126 | 2.5 | 130 | 2.4 | 134 | 2.6 | 129 | 2.8 | 133 | 2.6 | 140 |
| Il-Guyana | 2.6 | 123 | 2.6 | 126 | 2.6 | 126 | 2.7 | 116 | 2.5 | 134 | 2.8 | 133 | 2.7 | 136 |
| L-Indoneżja | 2.3 | 143 | 2.6 | 126 | 2.8 | 111 | 2.8 | 110 | 3 | 100 | 3.2 | 118 | 3.2 | 114 |
| Il-Malasja | 5.1 | 43 | 5.1 | 47 | 4.5 | 56 | 4.4 | 56 | 4.3 | 60 | 4.9 | 54 | 5.0 | 50 |
| Il-Vjetnam | 2.6 | 123 | 2.7 | 121 | 2.7 | 120 | 2.7 | 116 | 2.9 | 112 | 3.1 | 123 | 3.1 | 116 |

L-Indiċi dwar il-Perċezzjoni tal-Korruzzjoni (CPI) jkejjel il-livelli perċepiti ta' korruzzjoni fis-settur pubbliku fuq skala minn 0 (korrott ħafna) sa 10 (trasparenti ħafna). Il-klassifikazzjonijiet għall-2013 kienu jinkludu valutazzjoni ta' 177 pajjiż.

# Risposta tal-Kummissjoni



## Sommarju eżekuttiv

### I

It-tmexxija tal-UE fl-isforzi globali biex jiġi indirizzat il-qtugħ illegali tas-siġar hija rikonoxxuta b'mod wiesa'. L-UE u 28 Stat Membru ħadmu ma' aktar minn 40 pajjiż produttur u diversi pajjiżi konsumaturi madwar id-dinja biex jimplimentaw miżuri relatati mal-FLEGT.

### II

Għandu jiġi enfasizzat li l-Komunikazzjoni FLEGT wieġbet għal sejħa qawwija għal azzjoni konġunta mill-Kummissjoni, l-Istati Membri u pajjiżi produtturi. Il-Pjan ta' Azzjoni FLEGT huwa qafas ta' politika li kellu suċċess fil-mobilizzazzjoni tal-attenzjoni politika għall-kwistjoni tal-qtugħ illegali tas-siġar, miżuri ta' politika u regolatorji u appoġġ għall-governanza mill-UE, l-Istati Membri u għadd ta' pajjiżi msieħba. Huwa importanti li jitqies li l-FLEGT mhuwiex programm ta' kooperazzjoni ffinanzjat permezz ta' mekkaniżmu ta' finanzjament apposta.

Il-PA FLEGT "jistabbilixxi proċess u pakkett ta' miżuri" bejn komponenti differenti u jiddependi prinċipalment fuq miżuri ta' politika u regolatorji, ikkomplementati minn appoġġ ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp tradizzjonali biex jintlaħqu l-għanijiet tagħha.

### III

Il-Kummissjoni ma taqbilx mal-konklużjoni tal-Qorti li l-appoġġ ipprovdut taħt il-Pjan ta' Azzjoni FLEGT tal-UE għal pajjiżi li jipproduċu l-injam mhumiex suffiċjentement ġestit tajjeb. Il-Kummissjoni għamlet ħilitha biex timmaniġġja l-appoġġ FLEGT fil-pajjiżi produtturi bl-aħjar mod possibbli, filwaqt li qieset l-isfidi biex jiġi indirizzat il-qtugħ illegali tas-siġar gobalment, il-kumplessità tal-promozzjoni ta' governanza tajba tal-foresti u l-infurzar tal-liġi f'diversi pajjiżi li qed jiżviluppaw, kif ukoll in-natura innovattiva tal-FLEGT. Il-Kummissjoni se tkompli bl-isforzi tagħha biex ittejjeb l-effiċjenza, l-effettività u l-ekonomija. Hija se tibbaża fuq ir-Rapport Speċjali tal-Qorti, kif ukoll fuq l-Evalwazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni FLEGT li għaddej, li kien kapaċi jeżamina firxa wiesgħa ta' programmi, proġetti u miżuri. Il-Kummissjoni tenfasizza wkoll li FLEGT hija azzjoni konġunta mill-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-pajjiżi sħab. Dan għandu jitqies, inter alia meta tiġi evalwata l-allokazzjoni tar-riżorsi. Ir-riżorsi tal-Kummissjoni biss m'għandhomx ikunu mistennija li jindirizzaw il-governanza kollha tal-foresti u kwistjonijiet ta' infurzar tal-liġi.

### IV

Il-Kummissjoni ma taqbilx ma' parti tal-osservazzjoni tal-Qorti.

In-natura innovattiva tal-Pjan ta' Azzjoni FLEGT, id-diversità tal-politika, regolamentazzjoni u miżuri ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp u multipliċità ta' atturi u msieħba huma diffiċli biex jiġu inkwadrati fil-kuntest ta' pjan uniku ta' ħidma b'objettivi ċari u skadenzi u baġit dedikat. Madankollu, ħafna miżuri tal-FLEGT, bħall-VPAs jew il-proġetti għandhom pjan dettaljat ta' implimentazzjoni tagħhom stess.

L-għajnuna ngħatat skont kriterji ċari, għalkemm bl-użu ta' sett uniku ta' kriterji għal kull intervent li kien impossibbli fin-nuqqas ta' baġit iddedikat unifikat u strument ta' finanzjament.

Il-Kummissjoni ma taqbilx mal-opinjoni tal-Qorti li kien hemm adozzjoni tard tal-EUTR. Il-EUTR ma kinitx imsemmija fil-Pjan ta' Azzjoni, li jirreferi biss għall-esplorazzjoni "tal-fattibbiltà ta' leġiżlazzjoni biex tikkontrolla l-importazzjoni tal-injam maqtugħ b'mod illegali fl-UE". Ir-Regolament kien propost biss wara eżerċizzju estensiv li fih ġew eżaminati mezzi biex jiġi indirizzat il-qtugħ illegali permezz tal-leġiżlazzjoni eżistenti. Il-leġiżlazzjoni ġiet adottata u daħlet fis-seħħ fl-20 ta' Ottubru 2010, u saret applikabbli f'Marzu 2013. Meta bdiet tapplika l-EUTR, il-Kummissjoni ħadet azzjoni biex tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni.

V
Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza l-kwistjonijiet li ġejjin. L-ewwel nett, l-iżvilupp ta' Sistema ta' Liċenzjar u Assigurazzjoni tal-Legalità tal-FLEGT teħtieġ ħafna iktar milli proġetti effettivi. It-tieni nett, għalkemm għaddew 12-il sena mill-adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni FLEGT, iż-żmien li jkun għadda sa mill-konklużjoni tas-6 VPAs fl-implimentazzjoni jvarja bejn sena u nofs u erba' snin u nofs — dan huwa żmien relattivament qasir biex jiġu implimentati sistemi ambizzjużi u riformi ta' governanza li l-VPA jinvolvi, b'mod partikolari jekk jitqiesu l-ambjenti ta' governanza diffiċli ta' ħafna tal-pajjiżi msieħba tagħna. Kif rikonoxxut f'paragrafu 45 tar-rapport tal-Qorti, is-sistemi ta' għoti ta' liċenzji ġew stabbiliti fl-Indoneżja u l-Gana u mferrxa għall-pajjiż kollu. It-tnejn li huma għaddew minn evalwazzjoni u qed jittejbu fuq il-bażi tas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet ta' dawn l-evalwazzjonijiet. Il-VPA jistabbilixxi standards għoljin għas-sistemi ta' assigurazzjoni tal-legalità, li jridu jiġu ssodisfati qabel ma jkun jista' jibda l-liċenzjar tal-FLEGT

## Introduzzjoni

02
F'ħafna każijiet, sett ta' liġijiet u regolamenti kumplessi u differenti ta' spiss b'kontradizzjonijiet interni u lakuni, jirregolaw is-settur tal-foresti u jikkontribwixxu għal inċertezza legali għal persuni dipendenti tal-foresti u tal-industrija tal-foresti. Id-definizzjoni ta' x'inhu legali jew illegali teħtieġ reviżjoni fil-fond tal-leġislazzjoni eżistenti.

04
It-tfassil u l-iżvilupp ta' żewġ regolamenti (Ir-Regolament FLEGT u EUTR) u l-ftehimiet kummerċjali (VPA) huma kisbiet ewlenin li jistħoqqilhom li jiġu rikonoxxuti. Huma assorbew parti kbira mill-ħin u mir-riżorsi tal-Kummissjoni bejn l-2004 u l-2010.

Kaxxa 1
Il-Pjan ta' Azzjoni ma jinkludix ir-regolament tal-UE dwar l-Injam, iżda huwa biss impenn biex jiġu analizzati l-għażliet u l-fattibbiltà tal-leġiżlazzjoni biex jiġu kkontrollati l-importazzjonijiet ta' injam illegali fl-UE.

Kaxxa 2
Il-Kaxxa 2 tirrifletti l-ħsieb inizjali tal-UE u l-Istati Membri dwar il-VPAs; Dan il-kunċett kien is-suġġett ta' diskussjonijiet fil-fond bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri fl-2004-2005, u evolva b'mod konsiderevoli. Dan wassal għad-Direttivi tal-Kunsill għan-negozjati tal-VPA fl-aħħar tal-2005.

Kull VPA evolva aktar permezz ta' negozjati ma' pajjiżi sħab, li jirrifletti l-kuntest partikolari u l-aspirazzjonijiet tal-pajjiż.

Filwaqt li l-VPA mal-Indoneżja huwa ġeneralment simili għal dak deskritt fil-Pjan ta' Azzjoni, il-pajjiżi l-oħra tal-VPA għażlu mudell li jiddependi prinċipalment fuq l-amministrazzjonijiet pubbliċi għall-verifika tal-legalità, pjuttost milli fuq korpi indipendenti akkreditati mill-Istat.

06
Minħabba li l-FLEGT huwa impenn konġunt tal-Kummissjoni u l-Istati Membri, l-appoġġ tal-Kummissjoni ma għandux jiġu evalwat b'mod iżolat mill-appoġġ tal-Istati Membri tal-UE. Koordinazzjoni ta' Appoġġ tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri ġiet żgurata mill-grupp *ad-hoc* FLEGT u, fil-livell nazzjonali, mill-*Kumitati Konġunti ta' Implimentazzjoni* u d-*Delegazzjonijiet tal-UE*.

08
Huwa importanti li tkun riflessa d-diversità tal-atturi involuti fl-implimentazzjoni tal-FLEGT. L-attivitajiet relatati mal-FLEGT huma implimentati mill-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-Pajjiżi Sħab.

L-Istati Membri għandhom rwol ċentrali fl-implimentazzjoni tal-EUTR u r-regolamenti FLEGT, permezz tal-awtoritajiet kompetenti tagħhom, f'politiki ta' akkwist pubbliku, fil-politiki dwar il-finanzjament u l-investimenti, u fl-appoġġ għal pajjiżi produtturi.

Għandu jiġi rikonoxxut ukoll li l-attivitajiet relatati mal-FLEGT huma implimentati wkoll minn pajjiżi produtturi, is-settur privat u s-soċjetà ċivili.

## Osservazzjonijiet

**17**
Il-Kummissjoni segwiet għażla bilaterali kif ukoll l-għażla ta' "projbizzjoni", li wasslet għall-adozzjoni tar-Regolament tal-UE dwar l-Injam. Il-Kummissjoni għadha wkoll impenjata b'mod kontinwu mal-imsieħba internazzjonali sabiex tippromwovi reazzjonijiet multilaterali għall-problema tal-qtugħ illegali tas-siġar.

**19**
Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li tal-Pjan ta' Azzjoni FLEGT huwa qafas ta' politika li jiddefinixxi approċċ ġenerali, għanijiet ġenerali, u jiddeskrivi firxa possibbli ta' miżuri ta' politika u regolatorji u azzjonijiet oħra mill-UE, l-Istati Membri u diversi partijiet ikkonċernati. Dan ġie kkonċepit bħala rispons tal-UE għall-"Programm ta' Azzjoni" dwar il-foresti u l-qtugħ illegali tas-siġar adottat mill-G8 fl-1998.

**20**
Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-ħtieġa li jiġu żviluppati aktar objettivi speċifiċi, punti ta' referenza u pjan direzzjonali komuni, kif ukoll il-ħtieġa għal aktar monitoraġġ sistematiku tal-implimentazzjoni tal-PA FLEGT. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-evalwazzjoni li għaddejja bħalissa żgur ser jgħinu f'dan l-isforz. Madankollu, in-nuqqas ta' pjan aktar speċifiku, jirrifletti d-diffikultà li jiġu stabbiliti għanijiet speċifiċi, miri u skeda ta' żmien għal politika li tgħaqqad flimkien firxa wiesgħa ta' politika, miżuri ta' għajnuna finanzjarja/teknika u regolatorji minn firxa wiesgħa ta' pajjiżi u atturi. Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza l-fatt li pjanijiet dettaljati ta' implimentazzjoni ġew żviluppati għal diversi elementi tal-Pjan ta' Azzjoni — dan huwa l-każ, pereżempju, għall-VPAs u l-proġetti kollha u strumenti biex jappoġġjaw pajjiżi produtturi.

**21**
Pjanijiet ta' Azzjoni tal-Kummissjoni ta' spiss ma jiċċarax il-baġits (ara d-diversi Pjanijiet ta' Azzjoni tal-KE: eż. il-Pjan ta' Azzjoni Ewropew dwar il-Gvern elettroniku; il-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija).

Fir-rigward tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, il-Kummissjoni implimentat dak li kien previst taħt it-Taqsima 4.1 tal-Pjan ta' Azzjoni: baġit konsolidat ma kienx previst u l-Kummissjoni ħadmet biex tintegra l-FLEGT f'diversi strumenti ġeografiċi u tematiċi. Il-Kummissjoni qed tiżviluppa "FLEGT Flagship" taħt id-DCI Beni u Sfidi Pubbliċi Globali (GPGC) bil-ħsieb li ssaħħaħ il-koerenza, il-komplementarjetà u l-koordinazzjoni ta' diversi proġetti tal-KE b'appoġġ ta' pajjiżi produtturi.

**22**
L-identifikazzjoni tal-proġetti kollha tal-foresta jew FLEGT kienet ta' sfida minħabba li l-azzjonijiet tal-UE FLEGT huma ffinanzjati permezz ta' diversi strumenti u xi kultant huma integrati fi programmi li jkopru setturi oħrajn apparti minn foresti (pereżempju l-kummerċ, il-konsum u l-produzzjoni sostenibbli, eċċ.). Dan ifisser li ma hemm l-ebda "tikketta" FLEGT unika li tippermetti tiftixa sempliċi fis-sistema ta' informazzjoni tal-Kummissjoni. Madankollu, il-Kummissjoni kienet għamlet tentattiv li tiġi żviluppata bażi tad-dejta dwar proġetti relatati mal-foresti ffinanzjati mill-UE matul il-perjodu 2000-2012, li tkun kondiviża mal-Qorti, li juri li dan kien xogħol li għadu għaddej u li jrid jiġi rfinat. Il-Kummissjoni Ewropea aġġornat il-bażi tad-dejta biex tintegra kuntratti ffirmati wara l-2012. Fil-qafas tal-evalwazzjoni kontinwa tal-PA FLEGT, ġie mniedi eżerċizzju ġdid sabiex jiġbor il-proġetti FLEGT iffinanzjati mill-Kummissjoni u l-Istati Membri.

**23**
Ir-Russja u ċ-Ċina jesportaw kwantitajiet sinifikanti tal-prodotti tal-injam lejn l-UE u ddeċidew li ma jiħdux sehem f'VPAs mal-UE. Ma' dawk il-pajjiżi, il-KE għalhekk għażlet li tistabbilixxi djalogi bilaterali dwar il-qtugħ illegali tas-siġar.

L-Indja, il-Korea u l-Ġappun huma s-swieq ewlenin għall-konsumaturi u l-Kummissjoni għandha djalogu bilaterali dwar l-ambjent magħhom li jinkludi l-kummerċ fl-injam.

Il-Kummissjoni ma tikkondividix il-fehma li d-diskussjonijiet bilaterali mal-pajjiżi produtturi, proċessuri u/jew tal-kummerċ kbar ġeneralment produċew riżultati limitati s'issa. Huwa ġeneralment rikonoxxut li l-Pjan ta' Azzjoni FLEGT tal-UE kien ta' ispirazzjoni għal pajjiżi kbar oħra li jadottaw miżuri min-naħa tad-domanda (Att Awstraljan dwar il-Projbizzjoni tal-Qtugħ Illegali tas-Siġar; l-Att Lacey tal-Istati Uniti rivedut; il-leġiżlazzjoni Svizzera; il-Ġappun).

**24**
Il-Pjan ta' Azzjoni inkluda impenn biex "issir analiżi tal-alternattivi u l-impatt ta' miżuri ulterjuri, inklużi, fin-nuqqas ta' progress multilaterali, il-fattibbiltà ta' leġislazzjoni biex jiġu kkontrollati l-importazzjonijiet" ta' injam illegali. Il-Kummissjoni kellha tivvaluta l-valur miżjud u l-impatti potenzjali ta' dawn il-possibilitajiet u biex tiżgura li kwalunkwe regolament ieħor igawdi biżżejjed appoġġ mill-partijiet interessati. Fil-bidu tal-Pjan ta' Azzjoni, l-unika domanda għal aktar leġiżlazzjoni kienet mill-NGOs. Is-settur privat iffoka fuq miżuri volontarji bħal ċertifikazzjoni, kodiċijiet ta' kondotta, eċċ. Kien biss meta dawn il-miżuri ġew ippruvati li mhumiex biżżejjed, li s-settur privat beda jappoġġa u eventwalment appella għal aktar leġiżlazzjoni (ara l-petizzjoni tal-2006 mis-settur privat lill-Kummissjoni). Konsegwentement, kien biss fl-2007 kif intqal fil-paragrafu 24 li l-Kummissjoni kkunsidrat li kien hemm appoġġ biżżejjed biex tibda l-istudju.

**25**
L-adozzjoni tal-EUTR għaddiet messaġġ ċar dwar l-impenn qawwi tal-UE biex tikkomplementa l-ġabra ta' miżuri diġà stabbiliti u li jindirizzaw il-qtugħ illegali tas-siġar "mid-dar". Il-Kummissjoni bdiet it-tħejjijiet għal proposta leġiżlattiva fl-2007 u ressqet proposta leġiżlattiva fl-2008. L-impożizzjoni ta' obbligi ġodda fuq diversi setturi ekonomiċi teħtieġ ammont konsiderevoli ta' ħidma preparatorja mill-Kummissjoni. L-għadd ta' pajjiżi involuti fil-proċess VPA wera li ma kienx hemm nuqqas ta' inċentiv fl-istadji bikrija tal-FLEGT biex ikun hemm VPA.

Dwar l-istat attwali tal-implimentazzjoni tal-EUTR, għandu jiġi nnutat li r-regolament kien biss infurzabbli sa minn Marzu 2013 — jiġifieri għadu relattivament ġdid. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri (24 minn 28) stabbilixxew miżuri biex jimplimentaw l-EUTR u qed iwettqu kontrolli fuq l-operaturi kif meħtieġ mill-EUTR. Il-Kummissjoni ħejjiet miżuri xierqa mad-dħul fis-seħħ tal-EUTR. Miżuri possibbli kienu identifikati u elenkati fl-Istrateġija tal-Assigurazzjoni tal-Konformità bi skeda ċara u l-allokazzjoni tar-riżorsi. Bħala riżultat tal-miżuri meħuda, għadd ta' Stati Membri aċċelleraw il-proċess ta' implimentazzjoni u rrapportaw konformità sħiħa.

Il-Kummissjoni tagħraf l-importanza kruċjali ta' implimentazzjoni effettiva tal-EUTR mill-Istati Membri kollha u se tkompli taqdi r-rwol tagħha sabiex tilħaq dan l-għan.

**26**
Kif previst fil-PA tal-FLEGT, il-Kummissjoni esplorat mezzi biex jinħolqu sinerġiji ma' skemi ta' ċertifikazzjoni pubbliċi jew privati eżistenti u tkompli timpenja ruħha ma' pajjiżi sħab tal-VPA u skemi ta' ċertifikazzjoni f'dan ir-rigward (eż. dokumenti ta' gwida tal-UE għal negozjati dwar VPA jafu l-ispirazzjoni għax-xogħol ta' dawn l-iskemi u deliberatament jinkludu għażla għal skemi bażati fuq l-operatur — kif stabbilit fil-Ftehim ta' Sħubija Volontarju mal-Indoneżja; għadd ta' studji ġew imwettqa; ġiet żviluppata nota ta' gwida speċifika u ġiet dedikata sessjoni għal dan is-suġġett matul il-ġimgħa FLEGT tal-2015. Numru ta' proġetti ffinanzjati mill-UE u l-Istati Membri promovew iċ-ċertifikazzjoni privata fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Fl-Indoneżja il-Pjan

ta' Azzjoni dwar il-Kummerċ fl-Injam (Timber Trade Action Plan — TTAP) — azzjoni maġġuri ffinanzjata mill-UE, flimkien ma' ċertifikazzjoni volontarja (b'mod partikolari mill-Forest Stewardship Council — FSC u Indonesia Ecolabel Institute — ċertifikazzjoni LEI) wassal għas-sistema u l-istandard SVLK.

Erba' mis-sitt pajjiżi li kkonkludew VPA jipprevedu r-rikonoxximent ta' skemi ta' ċertifikazzjoni privata bħala parti minn skemi ta' liċenzjar tagħhom (il-Kamerun, ir-Repubblika tal-Kongo, il-Liberja u r-Repubblika Ċentru-Afrikana) u l-Kummissjoni qed tappoġġa l-ħidma biex joperazzjonalizzaw dan ir-rikonoxximent. Barra minn hekk, is-sistema Indoneżjana hija "sistema bażata fuq operatur" li tħalli lok konsiderevoli għar-rikonoxximent ta' varjetà ta' sistemi eżistenti użati mill-operaturi. Huwa f'idejn il-pajjiżi msieħba, u mhux il-Kummissjoni, biex jiddeċiedu jekk jinkludux l-iskemi privati f'dan il-ftehim. Il-Gana hija l-uniku pajjiż b'VPA konkluż li ma għamlitx din l-għażla, għal diversi raġunijiet.

Ikun ukoll xieraq li jiġu rikonoxxuti l-limitazzjonijiet ta' skemi privati ta' ċertifikazzjoni li jkopru operaturi individwali u porzjonijiet żgħar ta' territorju filwaqt li l-iskemi ta' liċenzjar FLEGT ikopru t-territorju nazzjonali sħiħ.

**28**
Il-Pjan ta' Azzjoni FLEGT jidentifika erba' reġjuni ewlenin u pajjiżi li huma rikonoxxuti bħala l-aktar esposti għall-qtugħ illegali tas-siġar u t-tneħħija tal-foresti: l-Afrika Ċentrali, ir-Russja, l-Amerika t'Isfel Tropikali u l-Asja tax-Xlokk. Sa mill-bidu, il-Kummissjoni u l-Istati Membri prijoritizzaw il-pajjiżi f'dawn ir-reġjuni b'industrija tal-foresta importanti, rabtiet kummerċjali u ta' esportazzjoni tal-injam sinifikanti mal-UE, problemi sinifikanti tal-qtugħ illegali ta' siġar rikonoxxuti mill-awtoritajiet, u interess qawwi tal-iskema ta' liċenzjar FLEGT. In-negozjati VPA infetħu biss wara informazzjoni u wara li konsultazzjonijiet serji mal-partijiet interessati fil-pajjiż ikkonfermaw l-interess tal-pajjiż u wara talba uffiċjali mill-Gvern lill-Kummissjoni. Bħalissa, 15-il pajjiż huma involuti f'negozjar jew l-implimentazzjoni tal-VPA. Għadd ta' pajjiżi oħra esprimew interess u bbenefikaw minn xi attivitajiet limitati. Ir-Rapport ta' Bażi ta' Monitoraġġ Indipendenti tas-Suq tal-FLEGT juri li l-proċess tal-VPA kiseb livell għoli ħafna ta' kopertura fil-provvista tal-injam tropikali, kemm għas-suq globali kif ukoll għall-UE. Il-15-il pajjiż tal-VPA jirrappreżentaw 80 % tal-importazzjonijiet tal-injam tropikali tal-UE (EUR 2.45 biljun fis-sena) u 75 % tal-esportazzjonijiet ta' injam tropikali globali. Iċ-Ċina, li hi primarjament pajjiż tal-ipproċessar, hija koperta minn Mekkaniżmu Bilaterali ta' Kooperazzjoni speċifiku dwar il-FLEG mal-UE.

**29**
Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-ħtieġa li jiġu allokati riżorsi meta x'aktarx jagħtu l-aħjar riżultati u se tkompli l-isforzi tagħha biex jinkiseb dan l-għan.

Riżorsi umani ġew allokati għal miżuri ewlenin tal-FLEGT, jiġifieri VPAs, appoġġ għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-EUTR. L-ikbar sehem ta' riżorsi umani ġew allokati għal pajjiżi VPA kif ukoll lejn iċ-Ċina. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-VPAs possibbilment assorbew sehem eċċessiv tar-riżorsi umani allokati lill-FLEGT — possibbilment b'dannu għal miżuri oħra FLEGT.

Fir-rigward tar-riżorsi finanzjarji, in-nuqqas ta' fond ċentrali — FLEGT u b'hekk il-ħtieġa biex jinstabu opportunitajiet ta' finanzjament fi strumenti ġeografiċi u tematiċi eżistenti — jipprevjeni l-użu ta' sett uniku ta' kriterji biex jiġu allokati r-riżorsi. L-allokazzjoni ta' fondi ġeografiċi hija r-riżultat ta' djalogu bejn il-Kummissjoni u l-pajjiż imsieħeb. Fl-aħħar nett, l-immirar tal-appoġġ mill-UE m'għandux jiġi vvalutat b'mod iżolat minn appoġġ ta' SM.

Il-biċċa l-kbira ta' appoġġ tal-UE relatat mal-FLEGT mar għal pajjiżi bi 1) prevalenza għolja ta' qtugħ illegali 2) impenn qawwi fil-ġlieda kontra din il-problema bi prijorità għolja għall-pajjiżi involuti fi proċessi tal-VPA 3) żvilupp b'saħħtu u l-ħtiġijiet ta' kapaċità 4) kopertura tal-foresta għolja u/jew rati ta' deforestazzjoni gġolja kif ukoll/jew 5) settur tal-foresti li jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-PDG u l-esportazzjonijiet.

B'kollox, l-akbar sehem tal-appoġġ tal-UE kien immirat lejn pajjiżi tal-VPA u xi pajjiżi strateġiċi li wrew interess fil-FLEGT bħall-Kolombja, il-Filippini u l-Perù. Dan japplika wkoll għal proġetti/strumenti globali li jinvolvu aktar minn pajjiż wieħed. Barra minn pajjiżi VPA, il-pajjiżi li huma strateġiċi fil-ġlieda kontra l-qtugħ illegali tas-siġar, bħall-Brażil, iċ-Ċina u Pajjiżi tal-Viċinat tal-Lvant, rċevew sehem sinifikanti tar-riżorsi finanzjarji,

sostnuti bi djalogu politiku ma' dawn il-pajjiżi. L-ammonti kbar allokati lill-Marokk u l-Ħonduras jirriżultaw minn għażla ta' dawn il-pajjiżi biex jagħżlu l-foresti bħala settur fokali.

Fost dawn il-pajjiżi, pajjiżi bi dħul medju, li progressivament "gradwaw" minn kooperazzjoni għall-iżvilupp jirċievu ammonti relattivament aktar baxxi (pereżempju, il-Gabon, it-Tajlandja, il-Vjetnam).

Fejn possibbli, il-Kummissjoni rnexxielha timmobilizz fondi oħra li jipprovdu appoġġ lil pajjiżi oħra li huma strateġiċi fil-ġlieda kontra l-qtugħ illegali tas-siġar, bħal tal-Istrument ta' Viċinat.

### 30

Il-Kummissjoni allokat riżorsi għal għadd relattivament kbir ta' pajjiżi. Dan huwa parzjalment relatat mal-għadd kbir ta' pajjiżi fejn il-qtugħ illegali ta' siġar qed ikompli u li esprimew interess fil-FLEGT/VPAs u għalhekk, miżura ta' interess ġenerali fl-inizjattiva FLEGT. Il-Kummissjoni qed tesplora modi biex tindirizza din il-problema fil-futur u biex jinstab il-bilanċ ġust bejn l-objettivi — kultant konfliġġenti — li tinkiseb kopertura wiesgħa, li tirrispondi għal interess tal-pajjiżi, u l-ġestjoni effettiva tar-riżorsi limitati.

### Kaxxa 3

Il-Liberja għandha l-akbar għadd ta' foresti primarji li jifdal fl-Afrika tal-Punent, li huma ferm mhedda bil-qtugħ illegali ta' siġar. Il-qtugħ illegali tas-siġar stimula gwerra ċivili, raġuni għaliex riforma tal-governanza tal-foresti hija għolja fuq l-aġenda tal-Gvern Liberjan. Il-Gvern Liberjan wera impenn qawwi biex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet, minkejja riżorsi limitati ħafna. Il-Liberja hija waħda minn 6 pajjiżi li implimentaw il-VPA u ddeċidiet li tagħti prijorità lill-FLEGT fil-MIP tal-pajjiż tagħha. Barra minn hekk, il-Liberja ddeċidiet li tinkludi s-swieq kollha tal-esportazzjoni tagħha fl-iskema ta' liċenzji FLEGT. Bħala tali, il-VPA jista' jkollhom impatt sinifikanti, minkejja l-volumi limitati esportati lejn l-UE. Il-Liberja stabilixxiet sistema ta' rintraċċar tal-injam (Liberfor) u qed tagħmel progress tajjeb fl-iżvilupp tal-iskema ta' liċenzjar tagħha. Il-kapaċità qawwija ta' hawn fuq u l-limitazzjonijiet li l-pajjiż qed jiffaċċja jiġġustifikaw riżorsi finanzjarji sinifikanti allokati mill-KE biex jappoġġaw il-proċess.

Ir-Repubblika Ċentru-Afrikana (CAR) ukoll għandha żoni kbar ta' foresti, li huma ferm mhedda bil-qtugħ illegali tas-siġar. Is-settur tal-foresti fil-CAR huwa t-tieni sors ta' impjiegi kif ukoll it-tieni kontributur għall-PGD nazzjonali, għalhekk ċentrali għall-iżvilupp tal-pajjiż. It-tisħiħ tas-settur kien importanti wara l-kriżi politika u umanitarja li laqtet il-pajjiż kmieni fl-2013. Il-proċess u s-sistemi VPA jipprovdu l-qafas biex jinbdew ir-riformi u jgħinu lis-settur biex jakkwista kredibbiltà għall-esportazzjonijiet. Jekk il-pajjiż jistabbilizza, l-iżvilupp ta' sistema ta' liċenzji jista' tkun relattivament rapidu, meta wieħed iqis li l-industrija tal-esportazzjoni hija kkonċentrata fuq ftit operaturi kbar, li kollha għandhom sistemi tat-traċċar tal-injam operattivi. Il-Kummissjoni tqis li restrizzjonijiet qawwija ta' riżorsi u kapaċità li qed iħabbat wiċċu magħhom il-pajjiż jiġġustifikaw 6.7 miljun euro f'appoġġ offrut lill-CAR.

Il-Kosta tal-Avorju ddeċidiet li tidħol fin-negozjati tal-VPA f'Diċembru 2012. Sa ċertu punt, il-gwerra ċivili li affettwat il-pajjiż fis-snin preċedenti, impedixxiet l-appoġġ relatat mal-FLEGT, bl-eċċezzjoni notevoli ta' assistenza teknika u finanzjarja pprovduta mill-Programm FAO TAL-FLEGT u l-Faċilità tal-FLEGT tal-UE għat-tħejjija tan-negozjati. In-negozjati għadhom għaddejjin u jirċievu appoġġ finanzjarju u ta' rizorsi umani permezz Programm FAO tal-FLEGT, il-Faċilità tal-FLEGT tal-UE. l-assistenza teknika GIZ lill-Ministeru għall-Forestrija, Faċilitatur FLEGT iffinanzjati minn DFID u appoġġ usa' lis-settur tal-foresti pprovduti mill-AFD.

### 32

Il-VPA huwa ftehim kummerċjali, mhux ftehim ta' finanzjament. Minħabba li l-għajnuna għall-iżvilupp hija ggvernata minn strumenti legali differenti, il-Kummissjoni deliberatament evitat milli tispeċifika ammonti u impenji fil-VPA, li jirreferu b'mod ċar għall-istrumenti ta' għajnuna eżisteni — u l-proċeduri ta' programmar standard li jiggvernawhom — biex jikkommettu għajnuna għall-iżvilupp.

33
Il-VPAs u l-proġetti ta' appoġġ jappoġġjaw l-infurzar tal-liġi tal-foresti billi jiċċaraw u jippromwovu l-konsistenza tal-leġiżlazzjoni tal-foresti, b'hekk iżidu l-għarfien tal-partijiet interessati ta' liġijiet applikabbli (u b'hekk ma jitħalliex isir ksur), isaħħu s-sistemi u l-kapaċitajiet biex jiżguraw ir-rintraċċar tal-injam u l-kontrolli tal-operaturi tul il-ktajjen tal-provvista (u b'hekk jiġu skoperti l-vjolazzjonijiet tal-liġi), jippromwovu l-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati u jipprovdu spazju politiku fejn il-governanza u kwistjonijiet ta' infurzar tal-liġi jistgħu jiġu diskussi, u jnaqqsu l-possibbiltà tal-korruzzjoni, jistabbilixxu sistema ta' verifika indipendenti, jippermettu skrutinju estern tal-infurzar tal-liġi, jippromwovu żvelar pubbliku ta' informazzjoni u monitoraġġ indipendenti tal-foresti biex jinqabdu l-vjolazzjonijiet u biex tinkiseb aktar trasparenza f'dan is-settur, eċċ.

F'bosta pajjiżi msieħba, il-Ministeru għall-Forestrija jew ekwivalenti għandu l-mandat li jiżgura l-infurzar tal-liġi tal-foresti. Diversi proġetti ta' appoġġ tal-FLEGT għandhom l-għan li jsaħħu u jattrezzaw lil dawn l-istituzzjonijiet. F'diversi pajjiżi, bħall-Indoneżja u l-Kamerun, għal bosta snin kien hemm appoġġ għas-settur tal-foresti ffinanzjat mill-Istati Membri.

Appoġġ usa' lill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi, bħall-pulizija, x'aktarx li jmur lil hinn minn dak li jista' jinkiseb taħt il-FLEGT. F'diversi pajjiżi, dan huwa kopert minn appoġġ usa' għall-governanza pprovdut taħt il-MIP jew mill-appoġġ mill-Istati Membri.

Għalkemm huwa mistenni li l-appoġġ tal-FLEGT jikkontribwixxi għal infurzar aħjar tal-liġi, wieħed ma jistax raġonevolment jistenna li l-appoġġ tal-FLEGT tal-KE jkopri l-bżonnijiet kollha f'dan il-qasam u li jkollu impatt fuq l-Indiċi dwar il-Perċezzjoni tal-Korruzzjoni, wara ftit snin ta' implimentazzjoni.

34
Il-Kummissjoni ħabirket biex jiġu integrati l-appoġġ tal-FLEGT fil-programmi tal-pajjiż kull meta jkun possibbli. Madankollu, hemm sfidi inerenti f'dan l-isforz:

- Il-parti l-kbira tal-programmi 2007-2013 ġew miftiehma qabel il-bidu ta' negozjati tal-VPA, u a fortiori, il-konklużjoni tal-VPA. Minkejja dan, il-programmi tal-pajjiż 2007-2013 ta' ħafna mill-pajjiżi b'VPA li qed jiġi implimentat jinkludu l-appoġġ tal-FLEGT: Huwa ċertament il-każ għall-Indoneżja, il-Kamerun, il-Liberja u l-Kongo

- Is-settur tal-foresti u l-FLEGT kellhom jikkompetu ma' setturi oħrajn ta' prijorità u ħtiġijiet urġenti.

- Mhuwiex faċli biex jiġu vvalutati l-ħtiġijiet futuri fil-mument li jibdew negozjati dwar VPA. Il-bżonn ta' appoġġ matul il-fażi tan-negozjati huma ġeneralment koperti tajjeb bi' strumenti globali (EFI, FAO).

F'bosta pajjiżi, L-Istati Membri pprevedew appoġġ tal-foresti/FLEGT bħar-Renju Unit permezz tad-DFID (il-Gana, l-Indoneżja, il-Liberja, il-Gujana) jew il-Ġermanja permezz tal-GIZ (il-Kamerun, il-Laos, il-Kosta tal-Avorju).

Il-biċċa l-kbira l-MIPs għall-2014-2020 f'pajjiżi tal-VPA ma jinkludux FLEGT taħt wieħed mis-setturi fokali.

Il-Kummissjoni tagħraf, madankollu, li l-appoġġ FLEGT jista' jkun previst b'mod aktar sistematiku taħt il-MIP ta' pajjiżi tal-VPA.

**36**
Il-Kummissjoni ma taqbilx li l-proġetti kollha mmirati lejn it-tisħiħ tal-kapaċità tal-awtoritajiet pubbliċi ma kinux effettivi. Il-VPA ifittex li jindirizza sfidi usa'. L-implimentazzjoni tiegħu tiddependi fuq azzjonijiet minn bosta atturi minbarra mill-Ministeru għall-Forestrija. Hija wkoll inkoerenti li l-progress fil-VPA jintrabat ma' proġett speċifiku wieħed meta l-aktar riżorsi tad-donaturi għall-VPA ġejjin minn fondi b'aktar minn donatur wieħed li taw riżultati importanti.

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-problemi tal-proġett tal-Kamerun, iżda tixtieq tenfasizza li d-dewmien fl-implimentazzjoni tal-VPA huwa dovut ukoll għal fatturi oħra.

Fl-Indoneżja, l-attenzjoni dwar il-kooperazzjoni tal-UE qalbet progressivament lejn is-soċjetà ċivili u s-settur privat, filwaqt li qabel kien il-Ministeru għall-Forestrija l-akbar riċevitur. Dan il-proċess beda ferm qabel ma l-appoġġ tal-FLEGT beda jiġi implimentat mill-Ministeru għall-Forestrija, ibbażat fuq il-ħtiġijiet għall-implimentazzjoni tal-VPA u l-isforzi biex tkun żgurata l-komplementarjetà ma' appoġġ tar-Renju Unit.

**37**
Il-proġett kien suġġett ta' żewġ evalwazzjonijiet esterni u tliet missjonijiet tar-ROM, li turi l-attenzjoni mogħtija lilu mill-Kummissjoni. Ir-rapporti annwali kollha tal-proġett kienu s-suġġett ta' skambji bejn il-Kummissjoni u l-benefiċjarji, u ż-żewġ addendums għall-kuntratt — il-modifika taż-żmien u l-iskop tal-proġett- ġew konklużi, li juri l-isforzi tagħha biex tindirizza n-nuqqasijiet tal-proġett. Għandu jkun innutat ukoll li l-proġett ġie implimentat skont il-modalità deċentralizzata, li jfisser li l-benefiċjarji tal-kuntratt kienu maħtura u sorveljati mill-gvern tal-Kamerun, li tkompli tixħet dubju fuq is-suppożizzjoni li l-koordinazzjoni tal-Kummissjoni kienet ineffettiva.

Ir-rapport ta' evalwazzjoni finali jiddikjara li, minkejja n-nuqqasijiet tiegħu, il-proġett ipproduċa traċċar tal-injam abbażi ta' applikazzjoni u lezzjonijiet importanti mill-esperjenza miksuba.

**39**
Dan il-proġett ġie soġġett għal proċeduri standard ROM u evalwazzjoni tal-proċeduri ta' nofs il-perjodu u kien soġġett għal monitoraġġ mill-qrib ħafna mid-Delegazzjoni tal-UE permezz ta' żjarat fuq il-post f'diversi laqgħat frekwenti u laqgħat ferm frekwenti mal-atturi kkonċernati kollha. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-evalwazzjoni tal-proġett finali kkonkludiet li l-proġett fil-fatt kiseb xi riżultati.

**40**
Il-Kummissjoni tixtieq tiċċara li l-proġett ta' appoġġ tal-FLEGT kien implimentat bejn l-2006 u l-2009 u li ġew allokati r-riżorsi lill-Gvern tal-Indoneżja għas-settur tal-forestrija fl-2012 (il-proġett "appoġġ għal rispons tal-Indoneżja għat-Tibdil fil-Klima", implimentat mill-Ministeru għall-Forestrija). L-Indoneżja wkoll tkompli tibbenefika minn assistenza sinifikanti permezz tal-FLEGT tal-UE u l-FAO tal-FLEGT sal-lum. Ikun ukoll xieraq li jiġi rikonoxxut li r-Renju Unit kompla jipprovdi investimenti sinifikanti relatati mal-FLEGT matul il-perjodu.

**41**
Appoġġ lill-Gvern tal-Indoneżja fis-settur tal-forestrija ġie pprovdut permezz ta' diversi proġetti wara l-2004 (eżempki Proġett ta' Ġestjoni tan-Nirien fil-Foresti fin-Nofsinhar tas-Sumatra, Proġett ta'Appoġġ tal-FLEGT,Appoġġ għal rispons għat-tibdil fil-klima fl-Indoneżja); u għal darb' oħra, l-appoġġ kontinwu mogħti mill-EFI u sa ċertu punt anqas mill-FAO tal-FLEGT għandu jiġi kkunsidrat ukoll.

Huwa importanti li wieħed jiftakar li l-appoġġ tal-FLEGT fl-Indoneżja huwa pprovdut mill-Kummissjoni u l-Istati Membri. Il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li dan l-appoġġ konġunt kien koerenti mal-ħtiġijiet u ffukat fuq gruppi differenti ta' partijiet interessati b'mod komplementari.

F'dawn l-aħħar snin, l-appoġġ sar dejjem aktar mogħti lis-settur privat u l-SMEs permezz ta' sħubiji bejn l-NGOs u l-assoċjazzjonijiet tal-industrija tal-injam ffinanzjati taħt il-programmi EU ACTIVE u SWITCH. L-UE ffinanzjat ukoll il-Pjan ta' Azzjoni għall-Kummerċ fl-Injam, inizjattiva globali b'attivitajiet sinifikanti fl-Indoneżja, li ġiet immirata biss għall-kapaċità tas-settur privat, inklużi xi partijiet żgħar. L-appoġġ għall-SME kien ipprovdut minn MFP 2 u MFP 3, programmi appoġġjati mir-Renju Unit, u issa qed jinstabu soluzzjonijiet nazzjonali għal dawn id-diffikultajiet, billi jinġiebu SVLK inkluż titjib tar-regolamenti u appoġġ baġitarju sostanzjali mill-gvern nazzjonali u lokali.

Aktar appoġġ għall-SMEs huwa previst taħt xi inizjattivi li għaddejjin bħalissa (il-fażi l-ġdida tal-programm FAO tal-FLEGT u l-FLEGT tal-UE tal-komponent tal-Asja reġjonali).

**43**
Il-fatturi li jaffettwaw il-kisbiet tal-proġett msemmija mill-Qorti huma wiesgħa ħafna u jkopru l-biċċa l-kbira tal-isfidi tipiċi li jaffettwaw l-iżvilupp ta' proġetti ta' kooperazzjoni.

Il-proġetti FLEGT huma partikolarment esposti għal diffikultajiet bħal dawn, minħabba l-kumplessità biex jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' governanza tar-riżorsi naturali sensittivi, l-ambjent ta' sfida fejn joperaw dawn il-proġetti u l-kumplessità teknika u politika fil-proċess tal-VPA tal-FLEGT. Il-proċess FLEGT jirrikjedi l-mobilizzazzjoni ta' riżorsi umani sinifikanti mid-Delegazzjonijiet tal-UE.

**46**
L-implimentazzjoni ta' VPA fil-Kamerun wera li huwa aktar diffiċli milli mistenni u ma laħaqx l-aspettattivi tal-UE.

It-termini ta' referenza ta' sistema ġdida (SIGIF) ġew żviluppati u l-iżvilupp tagħha issa huwa ffinanzjat minn fondi Ġermaniżi filwaqt li l-UE impenjat riżorsi biex tappoġġja l-introduzzjoni tas-sistema l-ġdida permezz ta' attivitajiet bħal taħriġ.

**49**
Fil-Liberja, l-abbuż ta' Permessi Privati tal-Użu twaqqaf l-aktar minħabba rapporti minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili attivi fil-proċess tal-VPA. Il-VPA ipprovda forum għal diskussjoni dwar il-kwistjoni. L-UE kellha rwol attiv fil-monitoraġġ tal-kwistjoni u pprovdiet appoġġ lill-Gvern tal-Liberja għall-investigazzjoni. Minn dak iż-żmien' il hawn, il-permessi ġew suġġetti għal moratorju u ġie abbozzat ir-Regolament PUP ġdid bl-appoġġ tal-UE. Il-Liberja qed tagħmel progress kostanti fl-istabbiliment ta' Sistema ta' Assigurazzjoni tal-Legalità tal-Injam u sistema tat-traċċar tal-injam mal-pajjiż kollu hija diġà operattiva.

**51**
Il-Kummissjoni tixtieq tiċċara li l-Malasja, hija pajjiż Federali u r-responsabbiltajiet għall-ġestjoni tal-foresti huma deċentralizzati fil-livell tal-istat. Filwaqt li l-Malasja Peninsulari u Sabah kienu involuti fil-proċess tal-VPA billi jiġu żviluppati grilji ta' legalità u TLAS u, Sarawak ċaħdet kull parteċipazzjoni fil-VPA. Din hija kwistjoni politika interna tal-Malasja.

**52**
L-implimentazzjoni ta' dawn il-ftehimiet ambizzjużi u kumplessi fi wħud mill-pajjiżi sħab — partikolarment fejn il-kapaċitajiet u l-governanza huma dgħajfa — wrew li huma aktar impenjattivi u ta' sfida milli kien antiċipat.

**53**
Huwa utli li ssir distinzjoni bejn ir-rappurtaġġ dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament FLEGT minn rappurtar aktar ġenerali tal-Pjan ta' Azzjoni FLEGT.

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li r-rappurtar aktar sistematiku dwar il-progress tal-Pjan ta' Azzjoni FLEGT huwa mixtieq. Madankollu, il-Kummissjoni għamlet rapporti regolarment permezz ta' diversi mekkaniżmi, kif irrappurtat mill-Istati Membri dwar l-azzjonijiet tagħhom b'mod regolari fil-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar il-Foresti (tal-inqas bosta drabi fis-sena), f'laqgħat regolari Ad hoc tal-FLEGT, fil-Kumitat tal-FLEGT, u aktar reċenti, fil-Grupp ta' Esperti FLEGT-EUTR. Il-FLEGT ġie diskuss ukoll CODEV, fil-133 kumitat, fi Grupp ta' Ħidma Doganali.

Barra minn hekk, Kummissarji sussegwenti, irrappurtaw f'laqgħat tal-Kunsill Agrikoltura matul dan il-perjodu. Il-Kummissarji DEV ukoll irrappurtaw perjodikament dwar il-progress u l-isfidi fil-Parlament tal-UE b'diversi laqgħat jiddeliberaw u jirrappurtaw fit-tul ħafna.

Saru laqgħat mal-partijiet interessati kollha u r-reazzjonijiet għal proċessi ta' negozjati tal-VPAs u pajjiżi VPA ġew ippubblikati fir-rapporti annwali ta' progress.

Fir-rigward tal-obbligi taħt l-Art. 9 tar-Regolament FLEGT li jirrapporta dwar l-implimentazzjoni tal-iskema ta' liċenzji FLEGT, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tħejjix rapport sakemm il-liċenzji FLEGT jinħarġu minħabba li r-rappurtar skont ir-Regolament FLEGT jikkonċerna speċifikament rekord tar-riċeviment tal-liċenzji FLEGT u problemi ffaċċjati taħt dawn l-iskemi.

Rapport ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni FLEGT tħejja fl- 2011, abbażi tal-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri. Dan ġie maqsum u diskuss mal-Istati Membri. L-evalwazzjoni kontinwa se tipprovdi l-opportunità li jsir rapport lill-Kunsill u lill-Parlament.

## 54

Huwa importanti li ssir distinzjoni bejn il-kunċetti ta' bażi ta' dejta tal-proġetti, qafas ta' monitoraġġ għall-VPAs u qafas ta' monitoraġġ usa' tal-Pjan ta' Azzjoni FLEGT.

(Jekk jogħġbok irreferi għat-tweġiba tagħna f'paragrafu 22.)

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tixtieq tiċċara li r-Rapport ta' Progress 2003-2010 mhuwiex rapport EFI, iżda Rapport tal-Progress tal-Pjan ta' Azzjoni FLEGT mitlub mill-Kummissjoni.

## 56

Qabel it-tnedija tal-Evalwazzjoni tal-PA FLEGT il-Kummissjoni regolarment ivvalutat il-progress ta' diversi komponenti u d-diffikultajiet affaċċjati, mhux l-inqas fir-rapport ta' progress tal-2011. L-evalwazzjoni tal-PA FLEGT se tgħin fl-indirizzar ta' kwistjonijiet ġodda marbuta mal-evoluzzjoni tal-kuntest globali kif indikat fil-paragrafu 56, u fit-tfassil ta' sforzi futuri tal-UE f'dan il-qasam. Il-Kummissjoni għamlet ħilitha biex b'mod proattiv tadatta l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni biex tindirizza żviluppi ġodda. Xi wħud mit-tweġibiet diġà implimentati huma elenkati hawn taħt. Madankollu, il-Kummissjoni tagħraf li aktar rispons komprensiv, għandu bżonn jiġi żviluppat fuq il-bażi ta' evalwazzjoni.

## 56 (a)

Ittieħdu l-passi li ġejjin sal-lum sabiex tiġi indirizzata l-importanza dejjem tikber tal-Asja fil-kummerċ tal-injam:

- Memorandum ta' Ftehim maċ-Ċina sabiex jistabbilixxi Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni Bilaterali dwar il-FLEGT;
- Ftuħ ta' Negozjati VPA ma' pajjiżi ewlenin tal-ipproċessar bħall-Vjetnam u t-Tajlandja
- Fażijiet tat-tħejjija tal-VPA usa' ma' pajjiżi produtturi rilevanti fir-reġjun (il-Laos u aktar reċentement il-Myanmar)

## 56 (b)

Ittieħdu l-passi li ġejjin sal-lum sabiex tiġi indirizzata l-importanza dejjem tikber tal-konverżjoni illegali:

- Żieda fl-attenzjoni għall-konverżjoni illegali tal-foresti u kif għandha tiġi trattata din il-kwistjoni b'mod effettiv fil-qafas tal-VPA.
- Nota mħejjija għad-delegazzjonijiet tal-UE;
- Żieda flattenzjoni mogħtija lill-governanza tal-art tal-foresti fil-programmi tad-DĠ DEVCO.

**56 (c)**
Sal-lum ittieħdu l-passi li ġejjin biex jitrawmu sinerġiji mal-REDD+:

- Il-Kummissjoni qed tippromwovi sinerġiji bejn il-FLEGT u r-REDD, notevolment permezz tal-Faċilità tal-UE REDD u l-Grupp ta' Ħidma FLEGT-REDD+.

- L-aġenda tal-FLEGT u r-REDD+ huma marbuta mill-qrib u jappoġġjaw lil xulxin f'diversi pajjiżi, inkluż il-Gujana jew il-Liberja.

**56 (d)**
Dawn il-passi ttieħdu s'issa biex jindirizzaw ix-xejriet li qed jinbidlu fl-esportazzjonijiet tal-injam lejn l-UE:

- Monitoraġġ regolari permezz ta' studji dwar il-kummerċ tal-injam u sistema ta' Monitoraġġ Indipendenti tas-Suq;

- Ir-Regolament tal-UE dwar l-injam u BCM maċ-Ċina.

**56 (e)**
Sal-lum ittieħdu l-passi li ġejjin

Passi biex jippromwovi sinerġiji ma' ċertifikazzjoni privata.

(Jekk jogħġbok irreferi għat-tweġiba tagħna għall-paragrafu 26)

## Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

**57**
Il-Kummissjoni ma taqbilx mal-konklużjoni tal-Qorti li l-appoġġ ipprovdut taħt il-Pjan ta' Azzjoni FLEGT tal-UE għal pajjiżi li jipproduċu l-injam mhum-iex suffiċjentement ġestit tajjeb. Il-Kummissjoni għamlet ħilitha biex timmaniġġja l-appoġġ FLEGT fil-pajjiżi produtturi bl-aħjar mod possibbli, filwaqt li qieset l-isfidi biex jiġi indirizzat il-qtugħ illegali tas-siġar gobalment, il-kumplessità tal-promozzjoni ta' governanza tajba tal-foresti u l-infurzar tal-liġi f'diversi pajjiżi li qed jiżviluppaw, kif ukoll in-natura innovattiva ta' FLEGT. Il-Kummissjoni se tkompli bl-isforzi tagħha biex ittejjeb aktar l-effiċjenza, l-effettività u l-ekonomija. Hija se tibbaża fuq ir-Rapport Speċjali tal-Qorti, kif ukoll fuq l-Eval-wazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni FLEGT li għaddej, li kien kapaċi jeżamina firxa wiesgħa ta' programmi, proġetti u miżuri.

**58**
Il-Kummissjoni ma taqbilx ma' parti tal-osservazz-joni tal-Qorti.

**58 (b)**
In-natura innovattiva tal-Pjan ta' Azzjoni FLEGT, id-diversità tal-politika, regolamentazzjoni u miżuri ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp u multipliċità ta' atturi u msieħba huma diffiċli biex jiġu inkwadrati fil-kuntest ta' pjan uniku ta' ħidma b'objettivi ċari u skadenzi u baġit dedikat. Madankollu, ħafna miżuri tal-FLEGT, bħall-VPAs jew il-proġetti għandhom pjan dettaljat ta' implimentazzjoni tagħhom stess.

**58 (c)**
Il-Kummissjoni ma taqbilx mal-opinjoni tal-Qorti li kien hemm adozzjoni tard tal-EUTR. Il-EUTR ma kinitx imsemmija fil-Pjan ta' Azzjoni, li jirreferi biss għall-esplorazzjoni "tal-fattibbiltà ta' leġiżlazzjoni biex tikkontrolla l-importazzjoni tal-injam maqtugħ b'mod illegali fl-UE". Ir-Regolament kien propost biss wara eżerċizzju estensiv li fih ġew eżaminati mezzi biex jiġi indirizzat il-qtugħ illegali permezz tal-leġiżlazzjoni eżistenti. Il-leġiżlazzjoni ġiet adot-tata u daħlet fis-seħħ fl-20 ta' Ottubru 2010, u saret applikabbli f'Marzu 2013. Meta bdiet tapplika l-EUTR, il-Kummissjoni ħadet azzjoni biex tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni.

**58 (d)**
Kif previst fil-proċess tal-PA tal-FLEGT, il-Kummiss-joni esplorat mezzi biex jinħolqu sinerġiji ma' skemi ta' ċertifikazzjoni pubbliċi jew privati eżistenti u qed tintensifika l-isforzi tagħha f'dan il-qasam.

**58 (e)**
L-għajnuna ngħatat skont kriterji ċari, għalkemm bl-użu ta' sett uniku ta' kriterji għall-interventi kollha kien impossibbli meta wieħed iqis il-bażi legali differenti tal-istrumenti ta' finanzjament. Il-Kummissjoni b'mod ċar tat prijorità lill-pajjiżi

tal-VPA għall-appoġġ tagħha ta' pajjiżi li jipproduċu l-injam.

## Rakkomandazzjoni 1

Il-Kummissjoni parzjalment taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

F'dak li jirrigwarda l-baġit, dan se jkun possibbli biss għal programmi tematiċi.

## Rakkomandazzjoni 2

Il-Kummissjoni ma tistax taċċetta din ir-rakkomandazzjoni kif formulata.

Filwaqt li l-Kummissjoni taqbel bis-sħiħ mal-ħtieġa għal implimentazzjoni stretta tal-EUTR mill-Istati Membri kollha, il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li, kif indikat fir-risposta tagħna għall-punt 25, hija diġà ħadet miżuri xierqa biex tippromovi l-implimentazzjoni effettiva tagħha u se tkompli tagħmel dan f'konformità mal-Istrateġija ta' Assigurazzjoni tal-Konformità tagħha. Bħala riżultat tal-miżuri meħuda, għadd ta' Stati Membri aċċelleraw il-proċess ta' implimentazzjoni u rrapportaw konformità sħiħa. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri (24 minn 28) stabbilixxew miżuri biex jimplimentaw l-EUTR u qed iwettqu kontrolli fuq l-operaturi kif meħtieġ mill-EUTR. Il-Kummissjoni bdiet proċeduri ta' ksur kontra tlieta mill-Istati Membri li mhumiex konformi u qed tinvestiga r-raba'.

Il-Kummissjoni tfakkar ukoll li l-implimentazzjoni tal-EUTR hija l-ewwel u qabel kollox ir-responsabbiltà tal-Istati Membri u li r-rapporti mill-Istati Membri fl-ewwel sentejn tal-applikazzjoni tal-EUTR kienu dovuti fit-30 ta' April 2015. F'konformità mal-Artikolu 20 tal-EUTR, il-Kummissjoni se tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sat-3 ta' Diċembru 2015 dwar ir-reviżjoni tal-funzjonament u l-effikaċja ta' dan ir-Regolament.

## Rakkomandazzjoni 3

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

Kif spjegat fit-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 26, sar ħafna fil-passat biex jiġu promossi dawn is-sinerġiji.

## Rakkomandazzjoni 4

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

L-allokazzjonijiet tar-riżorsi lil pajjiżi partikolari tiddependi wkoll fuq id-disponibbiltà ta' finanzjament.

Il-Kummissjoni fl-2014 approvat deċiżjoni ta' finanzjament għal inizjattiva ġdida mal-FAO li toffri pakketti ta' appoġġ għall-pajjiżi biex isaħħu l-governanza tal-foresti f'pajjiżi magħżula li huma strateġiċi fil-ġlieda kontra l-qtugħ illegali tas-siġar, iżda ma jagħżlux VPA.

## 59 (b)

Is-sitt VPA konklużi daħlu fis-seħħ rispettivament fl-aħħar tal-2009, l-2011, l-2012, l-2013 u l-2014. Meta wieħed iqis l-ambizzjoni tar-riformi li dawn jinvolvu, il-kumplessitajiet tal-impenn u l-isfidi ta' goveranza f'pajjiżi sħab, huwa ċar li l-implimentazzjoni sħiħa tagħhom tirrikjedi ħin u impenn sostnut. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-isfidi tal-implimentazzjoni kienu sottovalutati.

## 59 (c)

Jekk jogħġbok irreferi għat-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 53.

Il-Kummissjoni tirrapporta b'mod regolari lill-Istati Membri u lil partijiet interessati oħrajn dwar il-progress tal-Pjan ta' Azzjoni FLEGT. Ġew prodotti rapporti annwali dwar l-implimentazzjoni tal-VPA. L-ewwel rapport ta' progress ġie prodott fl-2010. L-evalwazzjoni tnediet fil-bidu tal-2014, fuq il-bażi ta' konsultazzjonijiet mibdija fl-2013.

## Rakkomandazzjoni 5

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

## Rakkomandazzjoni 6

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni. L-evalwazzjoni tal-PA tal-FLEGT li għaddejja turi li l-Kummissjoni hija konxja tal-bżonn li tiġi valutata l-istrateġija kurrenti u kienet pjanat il-valutazzjoni sa mill-2013. Abbażi tar-riżultati tal-valutazzjoni, il-Kummissjoni ser tagħmel abbozz ta' Dokument ta' Ħidma tal-Persunal.

## KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

**Pubblikazzjonijiet bla ħlas:**

- kopja waħda:
  permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu);
- iżjed minn kopja waħda jew posters/mapep:
  mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea (http://ec.europa.eu/represent_mt.htm),
  mid-delegazzjonijiet f'pajjiżi li mhumiex fl-UE (http://eeas.europa.eu/delegations/index_mt.htm),
  billi tikkuntatja s-servizz Europe Direct (http://europa.eu/europedirect/index_mt.htm)
  jew ċempel 00 800 6 7 8 9 10 11 (numru tat-telefown bla ħlas minn kullimkien fl-UE) (*).

(*) L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

**Pubblikazzjonijiet bi ħlas:**

- permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu).

Il-qtugħ illegali tas-siġar u l-kummerċ f'injam maqtugħ illegalment jaffettwaw il-biċċa l-kbira mill-pajjiżi li għandhom foresti. Dan jikkawża ħsara ambjentali u telf ta' bijodiversità, u għandu effetti ekonomiċi u soċjali negattivi. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar Infurzar tal-Liġi, Tmexxija u Kummerċ (FLEGT) għandu l-għan li jnaqqas il-qtugħ illegali tas-siġar globalment billi jappoġġa t-tmexxija tal-foresti f'pajjiżi li jipproduċu l-injam u billi jnaqqas l-importazzjonijiet, fl-UE, ta' injam li jkun inħasad illegalment. F'dan ir-rapport il-Qorti tikkonkludi li l-appoġġ mill-Kummissjoni lil pajjiżi li jipproduċu l-injam fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni FLEGT ma kienx immaniġġjat tajjeb biżżejjed. Filwaqt li l-Pjan ta' Azzjoni FLEGT ġie kkonċepit b'mod innovattiv, il-Kummissjoni ma fasslitx pjan ta' ħidma xieraq b'objettivi u stadji importanti ċari u b'baġit iddedikat. Hija ma pprijoritizzatx l-assistenza tagħha b'mod ċar u l-proċeduri ta' monitoraġġ u ta' rappurtar ma kinux sodisfaċenti. Il-proġetti prinċipali eżaminati ma rnexxewx u l-iskemi ta' liċenzjar tal-injam previsti għadhom mhumiex qed joperaw għalkollox f'ebda wieħed mill-pajjiżi sħab.

CURIA RATIONUM
IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet